KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fil-11 ta' Diċembru 2019[1]

**Kawża C-457/18**

**Ir-Repubblika tas-Slovenja**
**vs**
**Ir-Repubblika tal-Kroazja**

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 259 TFUE –Eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u ta' inammissibbiltà – Determinazzjoni tal-fruntiera komuni bejn żewġ Stati Membri – Tilwima dwar il-fruntiera bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja – Ftehim ta' arbitraġġ – Proċedura ta' arbitraġġ – Notifika mir-Repubblika tal-Kroazja li ttemm il-ftehim – Deċiżjoni arbitrali parzjali u deċiżjoni arbitrali definittiva mogħtija mit-Tribunal tal-Arbitraġġ – Validità u effetti tad-'deċiżjoni arbitrali definittiva'"

1. Meta tiġi adita minn Stat Membru b'rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu bbażat fuq l-Artikolu 259 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tiegħu fil-każ li l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni jkunu bbażati fuq it-termini ta' "deċiżjoni arbitrali", mogħtija b'applikazzjoni ta' ftehim bilaterali ta' arbitraġġ li jaqa' taħt id-dritt internazzjonali pubbliku, iżda li tagħha waħda mill-partijiet tiċħad kwalunkwe valur ġuridiku? Din hija l-kwistjoni ewlenija mqajma minn din il-kawża, li tikkostitwixxi wieħed mill-każijiet rari ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu bejn Stati Membri bbażat fuq l-Artikolu 259 TFUE[2], li l-ewwel paragrafu tiegħu jipprovdi li Stat Membru "li jikkunsidra li Stat Membru ieħor ikun naqas li jwettaq xi obbligu tiegħu skond it-Trattati jista' jġib il-materja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea".

2. Fir-rikors tagħha, ir-Repubblika tas-Slovenja titlob b'mod partikolari lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li r-Repubblika tal-Kroazja kisret l-Artikolu 2 TUE u l-Artikolu 4(3) TUE kif ukoll sensiela sħiħa ta' regoli tad-dritt sekondarju fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd, tas-sistema ta' qsim tal-fruntieri mill-persuni (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) u ta' ppjanar tal-ispazju marittimu.

3. Ir-Repubblika tal-Kroazja qajmet, qabel kull difiża fuq il-mertu, eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u ta' inammissibbiltà tar-rikors li l-analiżi tiegħu hija s-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet, eċċezzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li teżamina b'mod separat, qabel ma tiddeċiedi, jekk ikun il-każ, fuq il-mertu tal-kawża.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 L-Artikolu 259 TFUE jikkorrispondi għal dak li qabel kien l-Artikolu 170 tat-Trattat KEE u dak li qabel kien l-Artikolu 227 tat-Trattat KE. Fir-rigward tar-rikorsi abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 1979, Franza vs Ir-Renju Unit (141/78, EU:C:1979:225); tas-16 ta' Mejju 2000, Il-Belġju vs Spanja (C-388/95, EU:C:2000:244); tat-12 ta' Settembru 2006, Spanja vs Ir-Renju Unit (C-145/04, EU:C:2006:543); tas-16 ta' Ottubru 2012, L-Ungerija vs Is-Slovakkja (C-364/10, EU:C:2012:630), kif ukoll tat-18 ta' Ġunju 2019, L-Awstrija vs Il-Ġermanja (C-591/17, EU:C:2019:504).

4. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha għalhekk tindirizza l-kwistjoni ta' jekk it-tilwima dwar il-fruntieri bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja, it-tentattiv ta' riżoluzzjoni tagħha u l-proċedura arbitrali li wasslet għaliha jikkostitwixxux kwistjonijiet ta' dritt internazzjonali pubbliku li jistgħu jservu ta' bażi għal rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat skont l-Artikolu 259 TFUE. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nispjega r-raġunijiet għalfejn, fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar dan ir-rikors, kif issostni r-Repubblika tal-Kroazja. Barra minn hekk, nipproponi li tintlaqa' t-talba tar-Repubblika tal-Kroazja li l-parir legali tal-Kummissjoni Ewropea li jinsab fl-Anness C.2 tar-risposta tar-Repubblika tas-Slovenja jiġi rtirat mill-proċess.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt internazzjonali*

#### *1. Il-Ftehim ta' Arbitraġġ*

5. It-tielet premessa tal-preambolu tal-Ftehim iffirmat fl-4 ta' Novembru 2009 bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Arbitraġġ") tfakkar il-mezzi paċifiċi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim elenkati fl-Artikolu 33 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti [3]. Għalhekk, l-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Arbitraġġ jistabbilixxi Tribunal tal-Arbitraġġ.

6. L-Artikolu 2 ta' dan il-ftehim jipprevedi l-kompożizzjoni tiegħu u b'mod partikolari l-modalitajiet tal-ħatra tal-membri tiegħu kif ukoll il-modalitajiet ta' sostituzzjoni tagħhom.

7. L-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, intitolat "Il-missjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu, li t-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu jiddetermina (a) il-linja tal-fruntiera bejn il-Kroazja u s-Slovenja, (b) il-ġunzjoni tas-Slovenja mal-ibħra internazzjonali u (ċ) is-sistema għall-finijiet tal-użu tal-ispazji marittimi rispettivi. Il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu jistabbilixxi l-modalitajiet ta' determinazzjoni tas-suġġett tat-tilwima. Il-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu jipprovdi li t-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu jiddeċiedi dwar it-tilwima. Skont il-paragrafu 4 tal-istess artikolu, it-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu s-setgħa li jinterpreta l-Ftehim ta' Arbitraġġ.

8. Skont l-Artikolu 4(a) tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, it-Tribunal tal-Arbitraġġ, meta jimplimenta d-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(1)(a) ta' dan il-ftehim, għandu japplika r-regoli u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali. Skont l-Artikolu 4(b) tal-imsemmi ftehim, it-Tribunal tal-Arbitraġġ, meta jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1)(b) u (c), għandu japplika d-dritt internazzjonali, l-ekwità u l-prinċipju tar-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat sabiex jinkiseb riżultat ġust u ekwu li jieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha.

9. L-Artikolu 6(2) tal-Ftehim ta' Arbitraġġ jistipula li, sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet li jipprovdu mod ieħor, it-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu jmexxi l-proċedura b'mod konformi mar-Regoli fakultattivi tal-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ (iktar 'il quddiem il-"QPA") għall-arbitraġġ tat-tilwim bejn żewġ Stati. Il-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu jipprovdi li t-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu jiddeċiedi fl-iqsar żmien possibbli, wara li jikkonsulta mal-partijiet, dwar kull kwistjoni proċedurali, b'maġġoranza tal-membri tiegħu.

3 Iffirmata f'San Francisco fis-26 ta' Ġunju 1945.

10. L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim ta' Arbitraġġ jipprovdi b'mod partikolari li t-Tribunal tal-Arbitraġġ, wara li jkun debitament ikkunsidra l-fatti rilevanti kollha tal-kawża, għandu jagħti d-deċiżjoni tiegħu fl-iqsar żmien possibbli. Il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu jipprovdi li d-deċiżjoni arbitrali torbot lill-partijiet u tikkostitwixxi riżoluzzjoni definittiva tat-tilwima. Skont il-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu, il-partijiet għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jimplimentaw id-deċiżjoni, inkluż, jekk ikun hemm bżonn, l-emenda tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-sitt xhur wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni.

11. Skont l-Artikolu 9(1) tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, ir-Repubblika tas-Slovenja għandha tirtira r-riżervi tagħha dwar il-ftuħ u l-għeluq tal-kapitoli tan-negozjati relatati mal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea meta l-ostakolu jirrigwarda t-tilwima.

12. Konformement mal-Artikolu 11(3) tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, it-termini proċedurali kollha stabbiliti f'dan il-ftehim għandhom japplikaw mid-data tal-iffirmar tar-Repubblika tal-Kroazja tat-Trattat bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea [4] (iktar 'il quddiem it-"Trattat ta' Adeżjoni").

### *2. Il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati*

13. Il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati, tat-23 ta' Mejju 1969 [5] (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Vjenna"), tipprovdi, fl-Artikolu 60(1) tagħha, intitolat "Tmiem ta' trattat jew sospensjoni tal-applikazzjoni ta' trattat minħabba ksur tiegħu":

"Ksur materjali ta' trattat bilaterali minn waħda mill-Partijiet jintitola lill-Parti l-oħra tinvoka l-ksur bħala raġuni għat-tmiem tat-trattat jew għas-sospensjoni tal-applikazzjoni tiegħu kompletament jew parzjalment." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

## ***B. Id-dritt tal-Unjoni***

### *1. L-Att ta' Adeżjoni*

14. L-Artikolu 15 tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika [6] (iktar 'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni"), anness mat-Trattat ta'7 Adeżjoni, jipprovdi:

"L-atti elenkati fl-Anness III għandhom jiġu adattati kif speċifikat f'dak l-Anness".

15. L-Anness III ta' dan l-att jipprovdi, fil-punt 5 tiegħu, l-adattamenti li għandhom isiru għar-Regolament dwar il-politika komuni tas-sajd [7] applikabbli fiż-żmien ta' din l-adeżjoni. Dan il-punt 5 jipprovdi li, fl-Anness I ta' dan ir-regolament, għandhom jiżdiedu l-punti 11 u 12, intitolati rispettivament "Ilmijiet tal-kosta tal-Kroazja" u "Ilmijiet tal-kosta tas-Slovenja". Dawn il-punti 11 u 12 jinkludu riferiment għan-noti ta' qiegħ il-paġna 2 u 3 li jipprovdu li "[i]r-reġim imsemmi hawn fuq għandu japplika mill-implimentazzjoni sħiħa tas-sentenza tal-arbitraġġ li hi riżultat tal-Ftehim ta' Arbitraġġ bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, iffirmat fi Stokkolma fl-4 ta' Novembru 2009".

4 ĠU 2012, L 112, p. 10.

5 *Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 1155, p. 331.

6 ĠU 2012, L 112, p. 21.

7 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 5, p. 460).

*2. Id-dritt sekondarju*

*a) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013*

16. L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd[8], intitolat "Regoli ġenerali dwar l-aċċess għal ilmijiet", jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikollhom aċċess indaqs għall-ilmijiet u r-riżorsi fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, suġġett għall-miżuri adottati skont il-Parti III.

2. Fl-ilmijiet sa 12-il mil nawtiku mil-linji bażi taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati, sal-31 ta' Diċembru 2022 li jillimitaw is-sajd għal bastimenti tas-sajd li tradizzjonalment jistadu f'dawk l-ilmijiet minn portijiet fuq il-kosta maġenb, mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri oħra skont relazzjonijiet eżistenti dwar il-viċinat bejn l-Istati Membri u l-arranġamenti li jinsabu fl-Anness I, li jistabbilixxu għal kull Stat Membru ż-żoni ġeografiċi fi ħdan il-faxex kostali ta' Stati Membri oħra fejn isiru attivitajiet tas-sajd u l-ispeċijiet ikkonċernati. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-restrizzjonijiet imdaħħla skont dan il-paragrafu."

17. L-Anness I tar-Regolament Nru 1380/2013, intitolat "Aċċess għall-ilmijiet kostali fis-sens tal-Artikolu 5(2)", jirreferi, fil-punti 8 u 10 tiegħu, rispettivament "Ilmijiet tal-kosta tal-[K]roazja" u "Ilmijiet tal-kosta tas-[S]lovenja", għan-noti ta' qiegħ il-paġna 2 u 3 li jgħidu li "[I]r-reġim imsemmi hawn fuq għandu japplika mill-implimentazzjoni sħiħa tas-sentenza tal-arbitraġġ li hi riżultat tal-Ftehim ta' Arbitraġġ bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, iffirmat fi Stokkolma fl-4 ta' Novembru 2009".

18. Ir-Repubblika tas-Slovenja tinvoka wkoll id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd[9] u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011,li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1224/2009[10].

*b) Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen*

19. L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)[11] (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"), intitolat "Drittijiet Fundamentali", jipprovdi li "[m]eta jiġi applikat dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jaġixxu b'rispett sħiħ tal-liġi relevanti tal-Unjoni, inklużi [...] il-liġi internazzjonali rilevanti, [...] l-obbligi marbutin mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali [...]".

8 Regolament li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU 2013, L 354, p. 22).

9 Regolament li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU 2009, L 343, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 355, p. 93 u 2015, L 149, p. 23).

10 ĠU 2011, L 112, p. 1, rettifika fil-ĠU 2011, L 328, p. 58.

11 ĠU 2016, L 77, p. 1.

20. L-Artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jistabbilixxi s-sorveljanza fuq il-fruntiera, li, skont il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, l-għan ewlieni tagħha "għandu jkun biex ma jitħalliex li jsir il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera, sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità transkonfinali u biex jittieħdu miżuri kontra persuni li jkunu qasmu l-fruntiera b'mod illegali". Il-modalitajiet li jikkonċernaw din is-sorveljanza huma stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-artikolu u fil-Parti A tal-Anness V ta' dan il-kodiċi.

21. L-Artikolu 17 tal-imsemmi kodiċi jistabbilixxi obbligu ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jipprovdi, b'mod partikolari, li l-"Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin u għandhom iżommu kooperazzjoni kontinwa u mill-qrib bil-ħsieb li jkun hemm implimentazzjoni effettiva tal-kontrolli fuq il-fruntiera, skont l-Artikoli 7 sa 16" u li "għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha".

*c) Id-Direttiva 2014/89/UE*

22. Il-premessa 7 tad-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu [12] tipprovdi:

"Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar tal-1982 ('UNCLOS') tiddikjara fil-preambolu tagħha li l-kwistjonijiet relatati mal-użu tal-ispazju oċeaniku huma relatati mill-qrib ma' xulxin u jeħtieġ li jitqiesu bħala entità sħiħa. L-ippjanar tal-ispazju oċeaniku huwa l-azzjoni ta' avvanz u l-istrutturar loġiċi tal-obbligi u tal-użu tad-drittijiet mogħtija fl-ambitu tal-UNCLOS u għodda prattika fl-assistenza lill-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom."

23. Skont l-Artikolu 2(4) ta' din id-direttiva:

"Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-drittijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri fuq l-ilmijiet tal-ibħra li huma derivati mil-liġi internazzjonali relevanti, b'mod partikolari l-UNCLOS. B'mod partikolari, l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhiex tinfluwenza d-delinjament u d-delimitazzjoni tal-fruntieri marittimi mill-Istati Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tal-UNCLOS."

24. L-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/89 jipprovdi:

"Bħala parti mill-proċess ta' ppjanar u ġestjoni, l-Istati Membri li għandhom ibħra konfinanti għandhom jikkooperaw bil-għan li jiġi żgurat li l-pjani tal-ispazji marittimi jkunu koerenti u koordinati fir-reġjun tal-baħar kollu kkonċernat. Tali kooperazzjoni għandha, b'mod partikolari, tqis kwistjonijiet ta' natura transnazzjonali."

## II. Il-fatti u l-proċedura prekontenzjuża

25. Fil-25 ta' Ġunju 1991, is-Slovenja u l-Kroazja pproklamaw l-indipendenza tagħhom mir-Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja. Matul is-snin ta' bejn l-1992 u l-2001, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja pprovaw isolvu l-kwistjoni tal-iffissar tal-fruntiera terrestri u tal-fruntiera marittima tagħhom permezz ta' negozjati bilaterali.

26. Ir-Repubblika tas-Slovenja saret membru tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.

12 ĠU 2014, L 257, p. 135.

27. Fl-4 ta' Novembru 2009, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja ffirmaw Ftehim ta' Arbitraġġ intiż sabiex tiġi riżolta t-tilwima transkonfinali ta' bejniethom, li abbażi tiegħu huma ntrabtu li jissottomettu ruħhom għad-deċiżjoni ta' tribunal tal-arbitraġġ ikkostitwit għal dan il-għan. Dan il-ftehim daħal fis-seħħ fid-29 ta' Novembru 2010.

28. Fid-9 ta' Diċembru 2011 l-Istati Membri tal-Unjoni u r-Repubblika tal-Kroazja ffirmaw it-Trattat ta' Adeżjoni. Dan it-trattat, li ġie rrattifikat f'Jannar 2012 mir-Repubblika tal-Kroazja, ġie ppubblikat fl-24 ta' April 2012 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ir-Repubblika tal-Kroazja saret membru tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013.

29. Fis-17 ta' Jannar 2012, skont l-Artikolu 2(1) tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja ħatru lill-president u tnejn mill-membri tat-Tribunal tal-Arbitraġġ [13]. Iż-żewġ membri tat-Tribunal, li wkoll kellhom jiġu magħżula mill-partijiet, skont l-Artikolu 2(2) tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, inħatru fl-aħħar ta' Jannar tal-istess sena [14]. It-termini tal-ħatra ġew iffirmati f'April 2012 u l-QPA [15] ġiet innominata bħala l-istituzzjoni li taġixxi bħala Reġistru [16] miż-żewġ Stati involuti [17]. Barra minn hekk, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, it-Tribunal tal-Arbitraġġ kellu jmexxi l-proċedura skont ir-Regoli fakultattivi tal-QPA għall-arbitraġġ tat-tilwim bejn żewġ Stati [18].

30. Il-proċedura bil-miktub inbdiet fil-11 ta' Frar 2013 u s-seduta għas-sottomissjonijiet orali ġiet organizzata bejn it-2 u t-13 ta' Ġunju 2014.

31. Mid-dokumenti tar-Repubblika tal-Kroazja jirriżulta li, matul il-proċedura ta' arbitraġġ, seħħet kwistjoni proċedurali, minħabba komunikazzjoni *ex parte* bejn l-arbitru maħtur mir-Repubblika tas-Slovenja u l-aġent ta' dan l-Istat quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ matul id-deliberazzjonijiet ta' dan it-tribunal. Wara l-pubblikazzjoni ta' ċerti artikli fl-istampa, iż-żewġ persuni kkonċernati rriżenjaw mill-funzjonijiet tagħhom ta' arbitru u ta' aġent. Fit-30 ta' Lulju 2015, l-arbitru inizjalment maħtur mir-Repubblika tal-Kroazja rriżenja wkoll.

32. Permezz ta' ittra tal-24 ta' Lulju 2015 indirizzata lit-Tribunal tal-Arbitraġġ, ir-Repubblika tal-Kroazja esprimiet it-tħassib kbir tagħha dwar il-komunikazzjoni *ex parte* inkwistjoni, li kienet twassal, fil-fehma tagħha, għal dubji serji dwar l-integrità u l-imparzjalità tal-proċedura ta' arbitraġġ kollha, u talbet is-sospensjoni temporanja tal-proċedura quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ [19].

33. Fid-29 ta' Lulju 2015, il-Parlament tar-Repubblika tal-Kroazja adotta b'unanimità riżoluzzjoni dwar l-obbligu tal-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja li jibda proċedura ta' denunzja tal-Ftehim ta' Arbitraġġ.

34. Permezz ta' nota verbali tat-30 ta' Lulju 2015, ir-Repubblika tal-Kroazja informat lir-Repubblika tas-Slovenja li hija kienet tqis li hija kellha dritt ittemm il-Ftehim ta' Arbitraġġ [20], minħabba ksur materjali tal-imsemmi ftehim mir-Repubblika tas-Slovenja, fis-sens tal-Artikolu 60(1) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna. Ir-Repubblika tal-Kroazja ppreċiżat li din in-nota kienet tikkostitwixxi notifika, skont l-Artikolu 65(1) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna, li permezz tagħha hija kienet qiegħda tipproponi li ttemm

13 Punt 17 tad-deċiżjoni parzjali mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2016 mit-Tribunal tal-Arbitraġġ (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni parzjali").

14 Punt 18 tad-deċiżjoni parzjali.

15 Il-QPA hija magħmula minn 122 parti kontraenti li aderixxew ma' wieħed jew l-ieħor mill-ftehimiet fundatriċi tal-QPA, jew mat-tnejn li huma. Fir-rigward ta' din il-kawża, ir-Repubblika tas-Slovenja aderixxiet maż-żewġ ftehimiet, rispettivament, fl-1 ta' Ottubru 1996 u fid-29 ta' Marzu 2004. Ir-Repubblika tal-Kroazja aderixxiet mal-Konvenzjoni tal-1899 fis-7 ta' Ottubru 1998. Ara: https://pca-cpa.org/en/about/introduction/contracting-parties/.

16 Ara l-punt 148 tad-deċiżjoni arbitrali definittiva mogħtija fid-29 ta' Ġunju 2017 mit-Tribunal tal-Arbitraġġ (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni arbitrali kontenzjuża").

17 Punt 19 tad-deċiżjoni parzjali.

18 Disponibbli fuq https://pca-cpa.org/en/documents/pca-conventions-and-rules/.

19 Anness B.6 tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

20 Ara l-Anness B.6 tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà u l-punt 84 tad-deċiżjoni parzjali.

immedjatament il-Ftehim ta' Arbitraġġ. Ir-Repubblika tal-Kroazja spjegat li hija kienet tqis li l-imparzjalità u l-integrità tal-proċedura ta' arbitraġġ kienu vvizzjati b'mod irrevokabbli, u dan kien iwassal għal ksur manifest tad-drittijiet tagħha. It-Tribunal tal-Arbitraġġ irċieva kopja tal-imsemmija nota verbali.

35. Permezz ta' ittra tal-31 ta' Lulju 2015, ir-Repubblika tal-Kroazja informat lit-Tribunal tal-Arbitraġġ bid-deċiżjoni tagħha li ttemm il-Ftehim ta' Arbitraġġ, filwaqt li spjegat ir-raġunijiet għal dan il-waqfien.

36. Ir-Repubblika tas-Slovenja ħatret membru ġdid, li madankollu rriżenja mill-funzjonijiet tiegħu ta' arbitru fit-3 ta' Awwissu 2015. Sussegwentement, il-President tat-Tribunal tal-Arbitraġġ ħatar żewġ arbitri ġodda għaż-żewġ pożizzjonijiet vakanti skont il-proċedura ta' sostituzzjoni ta' arbitru prevista fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Arbitraġġ.

37. Permezz ta' ittra tal-1 ta' Diċembru 2015, it-Tribunal tal-Arbitraġġ stieden liż-żewġ partijiet sabiex jissottomettu talbiet ġodda u sottomissjonijiet orali "dwar l-implikazzjonijiet legali tal-punti mqajma [mir-Repubblika tal-]Kroazja fl-ittri tagħha tal-24 u tal-31 ta' Lulju 2015". [traduzzjoni mhux uffiċjali] It-Tribunal tal-Arbitraġġ ordna liż-żewġ partijiet jissottomettu l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom sa mhux iktar tard mill-15 ta' Jannar 2016 (ir-Repubblika tal-Kroazja) u mis-26 ta' Frar 2016 (ir-Repubblika tas-Slovenja). Barra minn hekk, it-Tribunal tal-Arbitraġġ informa liż-żewġ partijiet bl-intenzjoni tiegħu li jorganizza seduta fuq dawn il-kwistjonijiet fis-17 ta' Marzu 2016.

38. Fis-17 ta' Marzu 2016 saret seduta dwar dawn il-kwistjonijiet. Ir-Repubblika tas-Slovenja ppreżentat nota bil-miktub u pparteċipat fis-seduta. Ir-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa tagħha, ma pparteċipatx fiha.

39. Fit-30 ta' Ġunju 2016, it-Tribunal tal-Arbitraġġ iddeċieda fuq il-kwistjoni proċedurali permezz ta' deċiżjoni parzjali. It-Tribunal tal-Arbitraġġ iqis, b'mod partikolari, li, billi stabbilixxiet kuntatti *ex parte* mal-arbitru li hija kienet ħatret inizjalment, ir-Repubblika tas-Slovenja aġixxiet bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Arbitraġġ. Madankollu, in-natura ta' dan il-ksur ma kienx jippermetti lir-Repubblika tal-Kroazja ttemm il-Ftehim ta' Arbitraġġ u dan kien għadu japplika. Skont it-Tribunal tal-Arbitraġġ, l-imsemmi ksur ma kienx jaffettwa l-possibbiltà għat-Tribunal tal-Arbitraġġ, fil-kompożizzjoni emendata tiegħu, li jagħti deċiżjoni finali b'mod indipendenti u imparzjali. Għaldaqstant, it-Tribunal tal-Arbitraġġ jikkonkludi li ma kienx hemm ostakolu għall-kontinwazzjoni tal-proċedura b'mod konformi mal-Ftehim ta' Arbitraġġ.

40. Fid-29 ta' Ġunju 2017, it-Tribunal tal-Arbitraġġ ħareġ deċiżjoni arbitrali definittiva li kellha l-għan li tiddetermina l-fruntiera terrestri u l-fruntiera marittima taż-żewġ Stati iżda li tagħha r-Repubblika tal-Kroazja tikkontesta l-validità u għalhekk kull effett vinkolanti.

41. Fis-16 ta' Marzu 2018, ir-Repubblika tas-Slovenja bdiet il-proċedura prevista fl-Artikolu 259 TFUE, billi ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni minħabba ksur, mir-Repubblika tal-Kroazja, tad-dritt tal-Unjoni.

42. Il-Kummissjoni ma tatx opinjoni motivata fit-terminu ta' tliet xhur previst fl-Artikolu 259 TFUE.

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

43. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Lulju 2018, ir-Repubblika tas-Slovenja ppreżentat dan ir-rikors.

44. Permezz ta' att separat tal-21 ta' Diċembru 2018, ir-Repubblika tal-Kroazja qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ta' dan ir-rikors skont l-Artikolu 151 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-Repubblika tal-Kroazja titlob, prinċipalment, li dan ir-rikors jiġi miċħud kollu kemm hu bħala inammissibbli, minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet imressqa mir-Repubblika tas-Slovenja, skont l-Artikolu 259 TFUE. Sussidjarjament, hija tagħmel l-istess talba għar-raġuni li r-rikors ma huwiex konformi mal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mal-Artikolu 120 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

45. Ir-Repubblika tas-Slovenja ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar din l-eċċezzjoni fit-12 ta' Frar 2019. Hija titlob li r-rikors jiġi ddikjarat ammissibbli billi ssostni, essenzjalment, li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq dan ir-rikors abbażi tal-Artikolu 259 TFUE u li huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 120 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

46. Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Mejju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tassenja l-kawża lill-Awla Manja sabiex tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

47. Permezz ta' ittra tar-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ġiet mistiedna mill-Qorti tal-Ġustizzja, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 24 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, sabiex twieġeb bil-miktub jew, jekk ikun il-każ, waqt is-seduta, għal mistoqsijiet dwar id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1380/2013.

48. Permezz ta' ittra tal-31 ta' Mejju 2019, ir-Repubblika tal-Kroazja talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teskludi mill-proċess id-dokument ta' ħidma intern tal-Kummissjoni dwar il-parir tas-servizz legali tagħha, li jinsab fl-Anness C.2 tar-risposta tar-Repubblika tas-Slovenja għall-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà [21].

49. Permezz ta' ittra tar-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet lill-Kummissjoni sabiex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-imsemmija talba.

50. Fit-28 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha. F'ittra separata, fl-istess ġurnata, hija wieġbet għall-mistoqsijiet li kienu ġew ikkomunikati lilha fis-7 ta' Ġunju 2019.

51. Fit-8 ta' Lulju 2019, inżammet seduta għas-sottomissjonijiet orali fil-preżenza tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Repubblika tas-Slovenja, debitament irrappreżentati.

52. Waqt is-seduta, mistoqsija fuq dan il-punt, ir-Repubblika tas-Slovenja ppreċiżat li hija kienet ser iżżomm it-talba tagħha għall-waqfien tal-ksur allegat.

## IV. L-argumenti tar-Repubblika tas-Slovenja ppreżentati fir-rikors

53. Insostenn tar-rikors tagħha, ir-Repubblika tas-Slovenja tinvoka sitt ilmenti fir-rikors tagħha.

54. Permezz tal-ewwel ilment tagħha, ir-Repubblika tas-Slovenja ssostni li, billi tonqos unilateralment mill-impenn meħud waqt il-proċess ta' adeżjoni mal-Unjoni li tosserva d-deċiżjoni arbitrali li ser tingħata, il-fruntiera ddeterminata mid-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża kif ukoll l-obbligi l-oħra li jirriżultaw minn din id-deċiżjoni, ir-Repubblika tal-Kroazja qiegħda tirrifjuta li tosserva, bi ksur tal-Artikolu 2 TUE, il-valur tal-Istat tad-dritt kif ukoll il-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u ta' *res judicata*.

21 Il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma ddeċidietx dwar din l-eċċezzjoni.

55. Permezz tat-tieni lment tagħha, ir-Repubblika tas-Slovenja ssostni li, billi tirrifjuta unilateralment li tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha skont id-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża, ir-Repubblika tal-Kroazja tipprekludiha milli teżerċita b'mod sħiħ is-sovranità tagħha fuq it-territorju terrestri u marittimu kollu tagħha skont it-Trattati u d-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju. B'dan, hija qiegħda tikser l-obbligu ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE u tipperikola t-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni, fosthom il-promozzjoni u l-konsolidazzjoni kontinwi tal-paċi u tal-unjoni iktar mill-qrib bejn il-popli, it-twettiq tal-għanijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar it-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll l-implementazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni mir-Repubblika tas-Slovenja. F'dan il-kuntest, ir-Repubblika tas-Slovenja tilmenta li r-Repubblika tal-Kroazja tipprekludiha milli tissodisfa l-obbligu tagħha li timplementa sensiela sħiħa ta' atti tad-dritt sekondarju [22].

56. Permezz tat-tielet ilment tagħha, ir-Repubblika tas-Slovenja ssostni li, billi ma tosservax it-territorju Sloven u lanqas il-fruntieri, ir-Repubblika tal-Kroazja tikser id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd.

57. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika tas-Slovenja ssostni li, billi tikkontesta l-fruntiera kif stabbilita mid-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża kif ukoll billi topponi d-demarkazzjoni u l-implimentazzjoni ta' din il-fruntiera, ir-Repubblika tal-Kroazja tikser id-drittijiet esklużivi tar-Repubblika tas-Slovenja fuq l-ilmijiet territorjali tagħha u tipprekludiha milli tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha skont ir-Regolament Nru 1380/2013.

58. B'mod partikolari, ir-Repubblika tas-Slovenja takkuża lir-Repubblika tal-Kroazja bi ksur tas-sistema ta' aċċess reċiproku stabbilita mir-Regolament Nru 1380/2013, li ilha tapplika għal dawn iż-żewġ Stati Membri mit-30 ta' Diċembru 2017, u li tagħti lil 25 dgħajsa minn kull wieħed mill-imsemmija Stati Membri aċċess liberu għall-ibħra territorjali tal-Istat Membru l-ieħor, kif iddefiniti konformement mad-dritt internazzjonali, jiġifieri d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża. Fil-fatt, ir-Repubblika tal-Kroazja tostakola l-applikazzjoni tas-sistema ta' aċċess reċiproku, tirrifjuta li tirrikonoxxi l-validità tal-leġiżlazzjoni adottata għal dan il-għan mir-Repubblika tas-Slovenja u, billi tissanzjonahom sistematikament, tipprekludi lis-sajjieda Sloveni milli jaċċedu liberament għall-ibħra territorjali attribwiti lir-Repubblika tas-Slovenja permezz tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża u, *a fortiori*, għall-ibħra territorjali Kroati li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din is-sistema.

59. Permezz tar-raba' lment tagħha, ir-Repubblika tas-Slovenja ssostni li r-Repubblika tal-Kroazja tmur kontra s-sistema Komunitarja ta' kontroll sabiex tiġi żgurata l-osservanza tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd (iktar 'il quddiem is-"sistema ta' kontroll") stabbilita mir-Regolament Nru 1224/2009 u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 404/2011 peress li, minn naħa, hija tipprekludiha milli tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha fil-kuntest tal-imsemmija sistema ta' kontroll, u peress li, min-naħa l-oħra, hija teżerċità illegalment, fl-ilmijiet Sloveni, drittijiet li jappartjenu lilha bħala Stat kostali. Dawn ir-regolamenti jimponu fuq l-Istati Membri tal-bandiera żewġ sensiliet ta' obbligi, jiġifieri obbligu ta' monitoraġġ (l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 1224/2009 u l-Artikoli 21 sa 23 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 404/2011) u obbligu ta' komunikazzjoni (l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1224/2009 u l-Artikoli 43 u 44 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 404/2011).

22 Ir-Repubblika tas-Slovenja tinvoka, b'mod partikolari, id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU 2008, L 164, p. 19), id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102), ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU 2014 L 317, p. 35) kif ukoll id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275, rettifika fil-ĠU 2019, L 260, p. 70).

60. Permezz tal-ħames ilment tagħha, ir-Repubblika tas-Slovenja tallega li r-Repubblika tal-Kroazja tikser il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, peress li l-fruntiera bejn iż-żewġ Stati hija wkoll fruntiera esterna li għaliha japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tal-imsemmi kodiċi. Ir-Repubblika tal-Kroazja tikser kemm l-obbligi ta' kontroll tal-fruntiera imposti mill-Artikolu 17 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen kif ukoll l-obbligu ta' sorveljanza fuq il-fruntieri stabbilit mill-Artikolu 13 ta' dan il-kodiċi. Barra minn hekk, hija tonqos mill-obbligu li taġixxi b'osservanza sħiħa tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt internazzjonali applikabbli previst fl-Artikolu 4 tal-imsemmi kodiċi sa fejn tirrifjuta li tirrikonoxxi d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża.

61. Permezz tas-sitt ilment tagħha, ir-Repubblika tas-Slovenja tallega li r-Repubblika tal-Kroazja, billi tirrifjuta li tirrikonoxxi d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża li ddeterminat id-delimitazzjoni tal-ibħra territorjali bejn dawn iż-żewġ Stati Membri, u billi inkludiet l-ibħra territorjali Sloveni fl-ippjanar tal-ispazju marittimu tagħha [23] qiegħda tikser l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/89. B'dan il-mod, ir-Repubblika tal-Kroazja tagħmel ukoll impossibbli kull kooperazzjoni, u dan jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 11(1) ta' din id-direttiva li jipprevedi l-obbligu ta' kooperazzjoni.

## V. Sunt tal-argumenti tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u ta' inammissibbiltà

### *A. L-ilmenti bbażati fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża*

62. L-ewwel ilment ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni huwa bbażat fuq in-natura anċillari tal-allegazzjonijiet tar-Repubblika tas-Slovenja. F'dan ir-rigward, dawn l-allegazzjonijiet, hekk kif jidhru fir-rikors, huma anċillari meta mqabbla mas-soluzzjoni tat-tilwima li tikkonċerna l-validità u l-effetti legali tal-Ftehim ta' Arbitraġġ u tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża. Madankollu, fil-kuntest ta' proċedura skont l-Artikolu 259 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi la dwar l-imsemmija tilwima u lanqas dwar tali allegazzjonijiet anċillari. F'dan ir-rigward, mis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju [24] jirriżulta li, fil-kuntest ta' tali proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-ksur tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni jekk dawn l-obbligi huma anċillari għar-riżoluzzjoni preliminari ta' tilwima oħra li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

63. Permezz tat-tieni lment ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ir-Repubblika tal-Kroazja ssostni li s-suġġett reali tat-tilwima bejn iż-żewġ Stati jikkonsisti, minn naħa, fl-interpretazzjoni u l-applikabbiltà tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, li ma jagħmilx parti integrali mid-dritt tal-Unjoni, kif ukoll, min-naħa l-oħra, fil-validità u l-konsegwenzi legali eventwali tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża.

64. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika tal-Kroazja tenfasizza li hija tikkontesta l-eżistenza nnifisha tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża, peress li hija kienet validament iddenunzjat il-Ftehim ta' Arbitraġġ saħansitra qabel ma ngħatat din id-deċiżjoni. Kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha teżamina dawn il-kwistjonijiet, hija jkollha b'mod partikolari teżamina, l-ewwel nett, il-kwistjoni tal-validità ta' din id-denunzja u tal-effetti tagħha, it-tieni nett, jekk, wara d-denunzja kontenzjuża, it-Tribunal tal-Arbitraġġ kienx għadu jeżisti, it-tielet nett, jekk dan it-tribunal kellux id-dritt li jiddeċiedi li jkompli jeżisti, u, ir-raba' nett, jekk id-denunzja kontenzjuża temmitx il-ħidma tat-Tribunal tal-Arbitraġġ [25].

23 Adottata fit-13 ta' Ottubru 2017.

24 Sentenza tat-30 ta' Settembru 2010 (C-132/09, EU:C:2010:562).

25 Ir-Repubblika tal-Kroazja tenfasizza b'mod partikolari li, f'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-effett tal-prinċipju *nemo judex in causa sua* fuq il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ sabiex jiddeċiedi, b'kompożizzjoni parzjalment identika, fuq il-ġurisdizzjoni tiegħu stess. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-Ftehim ta' Arbitraġġ kien għadu validu, hija jkollha għalhekk tiddeċiedi fuq l-effetti ġuridiċi tad-deċiżjoni arbitrali li, skont il-Ftehim ta' Arbitraġġ, kellha tiġi, iżda baqgħet qatt ma ġiet, implimentata mill-partijiet.

Barra minn hekk, fil-każ ta' tali eżami, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tevalwa l-motivi fid-deċiżjoni parzjali. Madankollu, tali kwistjonijiet jaqgħu taħt ir-regoli tad-dritt internazzjonali u, b'mod partikolari, tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 60 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna kif ukoll tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, li ma jifformawx parti integrali mid-dritt tal-Unjoni.

65. Permezz tat-tielet ilment tagħha ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ir-Repubblika tal-Kroazja tqis li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 259 TFUE, sabiex tiddeċiedi la dwar il-validità u l-effetti tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, għar-raġuni li dan ma jagħmilx parti integrali mid-dritt tal-Unjoni, u lanqas dwar il-validità u l-effetti tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża allegatament mogħtija fuq il-bażi ta' dan il-Ftehim ta' Arbitraġġ. Skont ir-Repubblika tal-Kroazja, l-effett li s-soluzzjoni tat-tilwima bilaterali jista' jkollha fuq il-funzjonament tad-dritt tal-Unjoni ma jistax jestendi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja lil hinn minn dak li huwa previst fit-Trattati. B'hekk, l-ilmenti tar-Repubblika tas-Slovenja dwar il-ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda li s-soluzzjoni tagħhom tiddependi mir-riżoluzzjoni preliminari tat-tilwima relatata mal-validità u mal-effetti legali eventwali tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, ma humiex suffiċjenti sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' din it-tilwima fuq il-bażi tal-Artikolu 259 TFUE.

66. Permezz tar-raba' lment tagħha ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ir-Repubblika tal-Kroazja ssostni li ma huwiex biżżejjed, kuntrarjament għal tilwima mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 273 TFUE, li t-tilwima għandha rabta ta' konnessjoni mad-dritt tal-Unjoni. L-ilmenti tar-Repubblika tas-Slovenja, dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni, li madankollu jiddependu mir-riżoluzzjoni minn qabel tat-tilwima dwar il-validità u l-effetti legali eventwali tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, ma humiex suffiċjenti sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' din it-tilwima fuq il-bażi tal-Artikolu 259 TFUE.

67. Permezz tal-ħames ilment tagħha ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ir-Repubblika tal-Kroazja tenfasizza li kull konstatazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li r-Repubblika tal-Kroazja wettqet l-allegat ksur tad-dritt tal-Unjoni, tista' l-iktar l-iktar tkun ipotetika. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar ksur ipotetiku tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest ta' proċedura skont l-Artikolu 259 TFUE.

68. Permezz tas-sitt ilment tagħha ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ir-Repubblika tal-Kroazja tqis li din it-tilwima ma tqajjimx kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, huwa impossibbli li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tal-Artikolu 259 TFUE f'din il-kawża tiġi ġġustifikata bin-neċessità li tiġi riżolta tilwima dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li b'hekk tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi ta' dan id-dritt.

69. Ir-Repubblika tas-Slovenja titlob li l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni mqajma mir-Repubblika tal-Kroazja tiġi miċħuda.

70. Fl-ewwel lok, hija tqis li din l-eċċezzjoni hija bbażata fuq il-premessa żbaljata li t-talba tagħha hija intiża għall-konstatazzjoni ta' nuqqas, mir-Repubblika tal-Kroazja, li twettaq l-obbligi tagħha taħt il-Ftehim ta' Arbitraġġ jew taħt id-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża, u mhux taħt id-dritt tal-Unjoni. Dan huwa tentattiv tar-Repubblika tal-Kroazja li tiżnatura unilateralment is-suġġett tar-rikors.

71. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, ir-Repubblika tas-Slovenja tqis li mid-dispożizzjonijiet tat-Trattati u mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tiddependi mill-fatt li l-Istat rikorrent, fit-talbiet tar-rikors, jinvoka ksur tad-dritt tal-Unjoni jew mill-applikabbiltà ta' dan id-dritt għal dawn it-talbiet. Ir-Repubblika tal-Kroazja ma tistax timmodifika favur tagħha l-preżentazzjoni tas-suġġett tar-rikors kif inhu speċifikat fir-rikors, billi huwa mifhum li, fit-talbiet tar-rikors tagħha, ir-Repubblika tas-Slovenja bl-ebda mod ma qiegħda titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li r-Repubblika tal-Kroazja għandha taħt id-dritt internazzjonali, iżda qiegħda titlobha tikkonstata nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li dan l-Istat Membru għandu taħt id-dritt tal-Unjoni.

72. It-tieni nett, ir-Repubblika tas-Slovenja tikkunsidra li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 259 TFUE ma hijiex eskluża meta l-fatti li fuqhom huma bbażati l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni jaqgħu wkoll taħt id-dritt internazzjonali. Huwa importanti biss, f'dan ir-rigward, li dawn il-fatti jirrigwardaw ksur ta' obbligi imposti mid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dan ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tieħu inkunsiderazzjoni r-regoli materjali tad-dritt internazzjonali li d-dritt tal-Unjoni introduċa jew li kellu l-intenzjoni li jintroduċi fis-sistema legali tiegħu.

73. It-tielet nett, ir-Repubblika tas-Slovenja ssostni li lanqas l-eżistenza ta' tilwima bilaterali dwar l-interpretazzjoni ta' att tad-dritt internazzjonali applikabbli bejn il-partijiet fi proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma teskludi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Huwa għalhekk li fis-sentenza Spanja vs Ir-Renju Unit [26], il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat dikjarazzjoni unilaterali tar-Renju Unit li tirrifletti l-kontenut ta' ftehim konkluż bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit, minkejja li kien hemm tilwima bejn il-partijiet dwar is-sinjifikat ta' dan l-istrument tad-dritt internazzjonali.

74. Ir-raba' nett, sabiex tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' rikors skont l-Artikolu 259 TFUE, huwa importanti biss il-punt dwar jekk il-bażi tat-talbiet tikkorrispondix għal "obbligi skont it-Trattati". Huwa b'mod żbaljat li r-Repubblika tal-Kroazja tissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni, għandha tkun konvinta li Stat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt it-Trattati. L-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni ma jikkostitwixxux kwistjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwarhom f'dan l-istadju. Għall-kuntrarju, dawn jaqgħu taħt l-eżami tal-mertu.

75. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ewwel ilment ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ibbażat fuq in-natura anċillari tal-allegazzjonijiet dwar id-dritt tal-Unjoni, sabiex tkun tista' tiddeċiedi fuq l-allegat ksur tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex għalfejn tiddeċiedi dwar nuqqas ta' twettiq ta' obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali u lanqas dwar atti li jmorru kontra d-dritt internazzjonali mwettqa mir-Repubblika tal-Kroazja. Peress li t-territorji rispettivi tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Repubblika tas-Slovenja huma ddeterminati mill-fruntiera ffissata skont id-dritt internazzjonali, jiġifieri d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża, il-Qorti tal-Ġustizzja la għandha tikkonstata ksur tad-dritt internazzjonali u lanqas ma għandha tiddeċiedi dwar tilwima internazzjonali.

76. Fir-rigward tat-tieni lment ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ibbażat fuq is-suġġett "reali" tat-tilwima allegatament ikkostitwit mill-interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali, ir-Repubblika tas-Slovenja tenfasizza li l-fruntiera bejnha u r-Repubblika tal-Kroazja hija kwistjoni ta' fatt li fir-rigward tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tibbaża ruħha fuq ir-riżultat tar-riżoluzzjoni tat-tilwima territorjali u ma hijiex kwistjoni ġuridika li dwarha l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tosserva u tapplika d-dritt internazzjonali sa fejn neċessarju sabiex tinterpreta jew tapplika d-dritt tal-Unjoni.

77. F'dak li jirrigwarda t-tielet ilment ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ibbażat fuq ir-riżoluzzjoni minn qabel tat-tilwima dwar il-validità u l-effetti legali eventwali tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, ir-Repubblika tas-Slovenja tenfasizza li, sabiex tiġi ddeterminata l-portata u l-osservanza tal-obbligi li għandhom l-Istati Membri bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, inkluż l-obbligu li ma jfixklux lil Stat Membru ieħor milli jimplimenta u japplika d-dritt tal-Unjoni fit-territorju tiegħu stess, huwa neċessarju li wieħed jitlaq mill-fruntiera bejn l-Istati Membri kkonċernati, kif stabbilita skont id-dritt internazzjonali. Hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tieħu inkunsiderazzjoni, bħala fatti, l-elementi tad-dritt internazzjonali eżistenti.

26 Sentenza tat-12 ta' Settembru 2006 (C-145/04, EU:C:2006:543).

78. Ir-Repubblika tas-Slovenja żżid li l-kwistjoni tal-validità tal-Ftehim ta' Arbitraġġ u tal-validità tal-effetti legali tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża ma hijiex is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tagħha, u, fi kwalunkwe każ, ġiet solvuta fid-deċiżjoni parzjali tat-Tribunal tal-Arbitraġġ. Il-fatt li r-Repubblika tal-Kroazja ma hijiex issodisfatta mid-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża ma jistax ifisser li hemm tilwima transkonfinali mhux riżolta jew li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni li diġà ġiet deċiża.

79. Barra minn hekk, l-argument tar-Repubblika tal-Kroazja li d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża ma hijiex direttament applikabbli, minbarra li ma jaqax taħt l-ammissibbiltà iżda taħt l-eżami fuq il-mertu, huwa żbaljat, peress li din id-deċiżjoni hija vinkolanti konformement mad-dritt internazzjonali, u tistabbilixxi b'mod definittiv il-fruntiera bejn iż-żewġ Stati Membri.

80. F'dak li jirrigwarda l-ħames ilment ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, dwar in-natura ipotetika tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni li bih qiegħda tiġi akkużata, ir-Repubblika tal-Kroazja tafferma biss li ma hemmx nuqqas min-naħa tagħha ta' twettiq ta' obbligi taħt id-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, tali argument jaqa' fil-mertu tal-kawża. Fi kwalunkwe każ, dan huwa ksur reali u mhux ipotetiku li jseħħ ta' kuljum u li r-Repubblika tas-Slovenja tfittex li ttemm permezz ta' dan ir-rikors skont l-Artikolu 259 TFUE.

81. Fir-rigward tas-sitt ilment ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ibbażat fuq l-argument li din il-kawża ma tqajjimx kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, minħabba li l-partijiet jifhmu bl-istess mod l-obbligi imposti fuqhom skont id-dritt tal-Unjoni, ir-Repubblika tas-Slovenja tirrileva li l-eżistenza ta' tilwima dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma hijiex, fiha nnifisha, kundizzjoni għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 259 TFUE. Ikun biżżejjed li r-Repubblika tas-Slovenja ssostni li r-Repubblika tal-Kroazja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni.

### *B. Ilmenti dwar l-inammissibbiltà tar-rikors*

82. Sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' din it-tilwima, ir-Repubblika tal-Kroazja ssostni li r-rikors, li ma huwiex konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 120 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli. Fit-talbiet tar-rikors, ir-Repubblika tas-Slovenja ma tindikax espressament is-suġġett tat-tilwima, li jikkonsisti f'allegat nuqqas tar-Repubblika tal-Kroazja li twettaq l-obbligi tagħha taħt id-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża. Skont ir-Repubblika tal-Kroazja, l-imsemmija talbiet ma jsemmux l-allegat ksur tad-deċiżjoni tal-arbitraġġ kontenzjuża u r-rikors ma jesponix argumenti legali li juru li teżisti deċiżjoni arbitrali valida, b'tali mod li huwa impossibbli għaliha li tipprepara d-difiża tagħha u li twieġeb għal dawn l-argumenti.

83. Ir-Repubblika tas-Slovenja ssostni li r-rikors jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 120 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Is-suġġett tar-rikors huwa debitament u preċiżament iddeterminat, miġbur fil-qosor fil-bidu tar-rikors, żviluppat u sostnut minn fatti preċiżi u minn argumenti legali ċari, u li jissemma għal darba oħra fit-talbiet tar-rikors. Il-ksur allegat tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni huwa ddeterminat bi preċiżjoni u ma jqajjem ebda dubju.

84. Konsegwentement, id-dikjarazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja li hija ma hijiex f'pożizzjoni li tipprepara d-difiża tagħha kontra l-allegazzjoni ta' ksur tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża hija wkoll żbaljata. Anki jekk wieħed jissupponi li din l-allegazzjoni għandha tittieħed inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, hija tifforma parti mill-mertu tal-kawża, u mhux mill-ammissibbiltà tagħha.

### *C. Fuq it-talba intiża li teskludi l-parir tas-servizz legali tal-Kummissjoni*

85. Ir-Repubblika tal-Kroazja titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tirtira mill-proċess, skont l-Artikolu 151 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parir tas-servizz legali tal-Kummissjoni li jinsab fil-paġni 38 sa 45 tal-Anness C.2 tar-risposta tar-Repubblika tas-Slovenja għall-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà (iktar 'il quddiem il-"parir legali inkwistjoni").

86. Insostenn tat-talba tagħha, ir-Repubblika tal-Kroazja ssostni li l-parir legali inkwistjoni huwa dokument intern li qatt ma ġie ppubblikat mill-Kummissjoni. It-trażmissjoni tiegħu mingħajr awtorizzazzjoni, skont din l-istituzzjoni, jista' jkollha influwenza negattiva fuq il-funzjonament tajjeb tagħha.

87. Il-Kummissjoni, filwaqt li tibbaża ruħha fuq id-digriet tat-23 ta' Ottubru 2002, L-Awstrija vs Il-Kunsill [27], issostni li l-produzzjoni ta' tali dokumenti interni fil-kuntest ta' tilwima quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr ma l-imsemmija produzzjoni tkun ġiet awtorizzata mill-istituzzjoni kkonċernata jew ordnata minn din il-qorti, tmur kontra l-interess pubbliku li jeħtieġ li l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-pariri tas-servizzi legali tagħhom, mogħtija b'indipendenza sħiħa. Skont il-Kummissjoni, il-parir legali inkwistjoni huwa dokument intern, li ma kienx intiż li jiġi ppubblikat u ma kienx disponibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni tippreċiża li l-produzzjoni tiegħu ma ġietx awtorizzata fil-kuntest ta' tilwima quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, il-parir legali inkwistjoni għandu jitneħħa mill-proċess.

## VI. Analiżi

88. Ir-Repubblika tal-Kroazja teċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi fuq ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u, sussidjarjament, l-inammissibbiltà ta' dan ir-rikors minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 120 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Nindika minn issa li, għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il quddiem, nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex teżamina dan ir-rikors, b'tali mod li ma huwiex neċessarju li tiġi analizzata l-kwistjoni tal-ammissibbiltà tiegħu fir-rigward ta' eventwali nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq.

89. Fl-ewwel lok, qabel ma jiġu eżaminati l-ilmenti dwar in-nuqqas ta' kompetenza u dwar l-inammissibbiltà, għandha tiġi eżaminata t-talba sabiex jiġi eskluż mid-dibattiti l-parir tas-servizz legali tal-Kummissjoni (il-Parti A). Fit-tieni lok, fil-kuntest tal-eżami tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jidhirli li huwa neċessarju, minn naħa, li nagħmel numru ta' osservazzjonijiet preliminari dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, iktar preċiżament fil-preżenza ta' strumenti legali internazzjonali (il-Parti B) u, min-naħa l-oħra, li neżamina, fid-dawl ta' dawn ir-rimarki, is-suġġett tar-rikors, billi nanalizza l-ilmenti speċifiċi mressqa mir-rikorrenti (il-Parti C).

### *A. Fuq it-talba intiża li teskludi l-parir tas-servizz legali tal-Kummissjoni*

90. Ir-Repubblika tal-Kroazja titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tirtira mill-proċess il-parir legali inkwistjoni skont l-Artikolu 151 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

27 C-445/00, EU:C:2002:607.

91. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jiġi enfasizzat li, bid-digriet tat-23 ta' Ottubru 2002, L-Awstrija vs Il-Kunsill [28], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tirtira mill-proċess il-parir tas-servizz legali tal-Kummissjoni li kien prodott bħala anness għar-rikors għal annullament ippreżentat mill-Awstrija kontra regolament. Fil-punt 12 ta' dak id-digriet, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat b'mod partikolari li jkun kontra l-interess pubbliku li jirrikjedi li l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-pariri tas-servizz legali tagħhom, mogħtija b'indipendenza sħiħa, li tippermetti li tali dokumenti interni jiġu prodotti waqt proċedimenti pendenti quddiemha mingħajr ma l-imsemmija produzzjoni tkun ġiet awtorizzata mill-istituzzjoni kkonċernata jew ordnata minn dik il-qorti.

92. F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-parir legali inkwistjoni ngħata mis-servizz legali tal-Kummissjoni u kien indirizzat għall-attenzjoni tal-Kap tal-Uffiċċju tal-President tal-Kummissjoni. Dan il-parir tfassal fil-kuntest tal-proċedura mibdija mir-Repubblika tas-Slovenja skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 259 TFUE għall-finijiet tat-tressiq tal-każ minn qabel quddiem il-Kummissjoni. L-imsemmi parir jinkludi l-analiżi tal-allegazzjonijiet magħmula kontra r-Repubblika tal-Kroazja, bil-għan li jinkiseb il-kunsens tal-imsemmi kap tal-uffiċċju sabiex tiġi ppreparata opinjoni motivata skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 259 TFUE. Huwa evidenti li l-parir legali inkwistjoni ma kienx intiż li jiġi ppubblikat [29].

93. Fit-tieni lok, skont il-ġurisprudenza, l-irtirar ta' parir legali ta' istituzzjoni huwa ġġustifikat meta jkun hemm riskju prevedibbli li l-istituzzjoni kkonċernata tkun obbligata, fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja pendenti li tirrigwarda l-validità ta' deċiżjoni li hija tkun ħadet, tieħu pożizzjoni pubblikament fir-rigward tal-parir maħruġ mis-servizz legali tagħha. Tali perspettiva inevitabbilment twassal għal riperkussjonijiet negattivi fuq l-interess tal-istituzzjoni kkonċernata sabiex titlob pariri legali u fuq il-possibbiltà li din tirċievi pariri sinċieri, oġġettivi u kompluti mingħand is-servizz legali tagħha [30].

94. F'dan il-każ, fil-proċedura prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 259 TFUE, il-Kummissjoni, adita mir-Repubblika tas-Slovenja, ma ħarġitx opinjoni motivata skont it-tielet paragrafu ta' dan l-artikolu. Għaldaqstant, hija ma esprimietx il-pożizzjoni uffiċjali tagħha fuq din il-proċedura. Għalhekk, din il-kawża hija differenti mill-kawżi msemmija iktar 'il fuq, li kienu jikkonċernaw proċedura ġudizzjarja li tirrigwarda l-*validità* ta' deċiżjoni adottata u difiża mill-istituzzjoni kkonċernata. Madankollu, minkejja din id-differenza, jidhirli, *mutatis mutandis*, li l-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punt 93 ta' dawn il-konklużjonijiet huma rilevanti għal din il-kawża. Fil-fatt, ma huwiex eskluż li l-Kummissjoni tiddeċiedi li tintervjeni, sussegwentement, fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew li hija tiġi mistiedna sabiex tippreżenta osservazzjonijiet, b'tali mod li hija jkollha tesprimi l-pożizzjoni uffiċjali tagħha fuq il-kawża mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u b'hekk tieħu pożizzjoni pubblikament f'dak li jikkonċerna l-parir maħruġ mis-servizz legali tagħha. L-irtirar tal-parir legali inkwistjoni b'hekk jidher li huwa ġġustifikat fid-dawl tal-interess għall-imsemmija istituzzjoni li titlob u li tirċievi pariri sinċieri, oġġettivi u kompluti mingħand is-servizz legali tagħha [31].

95. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, jekk Stat Membru jingħata permess jippreżenta fil-proċess parir legali li l-iżvelar tiegħu ma kienx awtorizzat mill-istituzzjoni kkonċernata, tkun qed tiġi evitata, b'mod partikolari, il-proċedura tat-talba għal aċċess għal tali dokument, stabbilita mir-Regolament Nru 1049/2001 [32]. F'dan il-każ, kif speċifikat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet

28 C-445/00, EU:C:2002:607.

29 Minn dan isegwi li dan id-dokument jista' jiġi kklassifikat bħala "parir legali" fis-sens tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

30 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, L-Iżvezja u Turco vs Il-Kunsill (C-39/05 P u C-52/05 P, EU:C:2008:374, punt 42), kif ukoll digriet tal-14 ta' Mejju 2019, L-Ungerija vs Il-Parlament, (C-650/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:438, punt 16).

31 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, L-Iżvezja u Turco vs Il-Kunsill (C-39/05 P u C-52/05 P, EU:C:2008:374, punt 42), kif ukoll digriet tal-14 ta' Mejju 2019, L-Ungerija vs Il-Parlament (C-650/18, mhux ippubblikat, EU:C:2019:438, punt 16).

32 Ara, f'dan is-sens, id-digriet tad-29 ta' Jannar 2009, Donnici vs Il-Parlament (C-9/08, mhux ippubblikat, EU:C:2009:40, punt 18).

bil-miktub tagħha, il-parir legali inkwistjoni la kien magħmul disponibbli għall-partijiet u lanqas għall-pubbliku, iżda ġie żvelat f'anness għal artikolu tal-istampa [33]. Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li r-Repubblika tas-Slovenja ma kisbitx il-parir legali inkwistjoni skont il-modalitajiet previsti mir-Regolament Nru 1049/2001.

96. F'dawn iċ-ċirkustanzi u fid-dawl tal-fatt li l-Kummissjoni informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li hija ma xtaqitx li d-dokument inkwistjoni jiġi prodott fil-kuntest ta' dan ir-rikors, nipproponi li tintlaqa' t-talba tar-Repubblika tal-Kroazja li d-dokument li jinsab fil-paġni 38 sa 45 tal-Anness C.2 għar-risposta tar-Repubblika tas-Slovenja għall-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà jiġi rtirat mill-proċess ta' din il-kawża.

## *B. Osservazzjonijiet preliminari dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

97. Fl-ewwel lok, huwa xieraq li nagħmel xi kummenti preliminari dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (1), fit-tieni lok, li niddetermina l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-dritt tal-Unjoni fil-preżenza ta' strumenti legali internazzjonali (2) u fit-tielet lok, li neżamina l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-dritt tal-Unjoni (3).

### *1. Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu*

98. L-Artikolu 19 TUE jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-kompitu li tiżgura l-osservanza tad-dritt fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-Trattati [34]. Skont il-paragrafu 3(a) ta' dan l-artikolu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi konformement mat-Trattati fuq ir-rikorsi ppreżentati minn Stat Membru, istituzzjoni jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Din il-ġurisdizzjoni tikkonkretizza ruħha fir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu previst fl-Artikolu 259 TFUE.

99. Il-proċedura skont l-Artikolu 259 TFUE hija intiża sabiex jiġi kkonstatat u sabiex jitwaqqaf l-aġir ta' Stat Membru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni [35]. Din id-dispożizzjoni tissuġġetta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-teħid ta' konjizzjoni tal-eżistenza ta' nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq "xi obbligu tiegħu skond it-Trattati". F'dan il-kuntest, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li teżamina liema huma l-għanijiet imfittxija minn rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li tiġi adita bih [36].

100. Fir-rigward tas-sens tal-espressjoni "xi obbligu [...] skond it-Trattati", il-kelma "Trattati" timplika li rikors jista' jiġi ppreżentat abbażi tan-nuqqasijiet allegati fir-rigward tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati UE u FUE u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, bil-kundizzjoni li l-aġir tal-Istat Membru jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom [37]. Barra minn hekk, huwa evidenti li l-imsemmija espressjoni tirreferi wkoll għall-atti tad-dritt sekondarju [38].

33 Artikolu tal-istampa li jinsab fil-paġni 32 sa 37 tal-Anness C.2 għar-risposta tar-Repubblika tas-Slovenja għall-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

34 Sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, H vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-455/14 P, EU:C:2016:569, punt 40). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li konvenzjoni internazzjonali ma tistax tippreġudika l-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jirrigwarda r-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn Stati Membri dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-30 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda C-459/03, EU:C:2006:345, punt 132).

35 Sentenza tas-16 ta' Ottubru 2012, L-Ungerija vs Is-Slovakkja (C-364/10, EU:C:2012:630, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 1988, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-416/85, EU:C:1988:321, punt 9 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:325, punt 48 u n-nota ta' qiegħ il-paġna numru 19).

38 Sentenza tas-6 ta' April 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-58/16, mhux ippubblikata, EU:C:2017:279, punt 36).

101. Għalhekk, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tiddependi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [39]. Sa fejn din il-kawża tinvolvi ftehim ta' arbitraġġ internazzjonali u deċiżjoni arbitrali b'applikazzjoni tiegħu, nipproponi li neżamina l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-dritt tal-Unjoni fil-preżenza ta' strumenti legali internazzjonali.

*2. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni ratione materiae tad-dritt tal-Unjoni fil-preżenza ta' strumenti legali tad-dritt internazzjonali*

102. Peress li l-Ftehim ta' Arbitraġġ u d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża, li huma fiċ-ċentru ta' dan ir-rikors, jikkostitwixxu strumenti tad-dritt internazzjonali, tqum il-kwistjoni dwar x'inhi r-relazzjoni tagħhom mad-dritt tal-Unjoni, jekk humiex integrati fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u jekk l-Unjoni hijiex marbuta bihom.

*a) Fuq l-istrumenti tad-dritt internazzjonali fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja*

103. Skont ġurisprudenza stabbilita "l-Unjoni għandha [...] teżerċita l-kompetenzi tagħha fl-osservanza tad-dritt internazzjonali fl-intier tiegħu, li jinkludi mhux biss ir-regoli u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali ġenerali u konswetudinarju, iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali li jorbtuha" [40].

104. Jidhirli li jirriżulta minn din il-ġurisprudenza li l-ipoteżijiet li fihom l-Unjoni hija marbuta bid-dritt internazzjonali huma limitati sew. L-ewwel nett, l-Unjoni hija marbuta mill-ftehimiet internazzjonali li hija ffirmat skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati u li, mid-dħul fis-seħħ tagħhom, jagħmlu parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [41]. It-tieni nett, l-Unjoni hija marbuta minn ftehim internazzjonali meta hija tassumi l-kompetenzi preċedentement eżerċitati mill-Istati Membri fil-qasam ta' applikazzjoni ta' dan il-ftehim [42]. It-tielet nett, l-Unjoni hija meħtieġa li teżerċita l-kompetenzi tagħha fl-osservanza tad-dritt internazzjonali konswetudinarju [43]. Minn dan isegwi li l-ftehimiet internazzjonali li ma jaqgħux taħt il-kategoriji msemmija hawn fuq ma jikkostitwixxux atti tal-Unjoni u lanqas ma jorbtuha. Sakemm ma jkunx involut id-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-ġurisdizzjoni sabiex teżamina l-validità tagħhom u sabiex tinterpretahom.

*b) Fuq in-natura anċillari tal-allegazzjonijiet dwar l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni*

105. Insostenn tal-ewwel ilment tagħha ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ir-Repubblika tal-Kroazja sostniet li mis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju [44] jirriżulta li, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-allegat ksur tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni "jekk dawn l-obbligi huma anċillari għar-riżoluzzjoni preliminari ta' tilwima oħra li ma taqax fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja".

39 Rigward il-ġurisdizzjoni *ratione materiae*, ara s-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft (C-72/15, EU:C:2017:236, punt 76).

40 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118, punti 45 u 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni li tinterpreta d-dispożizzjonijiet ta' tali ftehimiet (ara, reċentement, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Bosphorus Queen Shipping (C-15/17, EU:C:2018:557, punt 44)).

42 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Ottubru 2009, Bogiatzi (C-301/08, EU:C:2009:649, punt 33), u tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864, punt 63).

43 Għal dak li jirrigwarda d-dritt internazzjonali marittimu konswetudinarju, ara b'mod partikolari s-sentenza tal-24 ta' Novembru 1992, Poulsen u Diva Navigation (C-286/90, EU:C:1992:453, punti 9 u 10). F'dak li jirrigwarda l-prinċipju konswetudinarju ta' awtodeterminazzjoni, ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973, punt 88). Fir-rigward tal-prinċipju konswetudinarju ta' *bona fide*, ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Bosphorus Queen Shipping (C-15/17, EU:C:2018:557, punt 45).

44 Sentenza tat-30 ta' Settembru 2010 (C-132/09, EU:C:2010:562).

106. F'dan ir-rigward, jiena tal-fehma li minn din is-sentenza jirriżulta li, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-involviment ta' strumenti tad-dritt internazzjonali, li ma jikkostitwixxux atti tal-Unjoni, jista' jkollu effett negattiv f'dak li jikkonċerna l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teżamina l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni. Dan huwa l-każ tal-imputazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, li formalment jirreferi għad-dritt tal-Unjoni, iżda li, fir-realtà, jirrigwarda strument tad-dritt internazzjonali li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-dritt tal-Unjoni u għalhekk li ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Huwa għalhekk li, fl-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-allegat ksur ta' obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni li għandhom biss natura anċillari meta mqabbla ma' dawk li jirriżultaw minn strument tad-dritt internazzjonali.

107. B'mod iktar partikolari, fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, il-Kummissjoni invokat il-ksur kemm tal-Ftehim dwar is-Sede tal-1962, konkluż fit-12 ta' Ottubru 1962, bejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskola Ewropea u l-Gvern tar-Renju tal-Belġju u tal-Artikolu 10 KE (li sar l-Artikolu 4(3) TUE). Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet analiżi sostanzjali tar-rikors promotur li kien jippermettilha tevalwa l-portata eżatta tal-ilment imqajjem mill-Kummissjoni kontra r-Renju tal-Belġju. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-ksur tad-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni kien biss konsegwenza tan-nuqqas ta' osservanza tal-Istat Membru kkonċernat tal-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn dan il-ftehim, li hija formalment ittraduċiet bit-terminu "sekondarja" għall-allegazzjoni tan-nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 10 KE. Wara li kkunsidrat, fi tmiem it-tieni analiżi, li l-imsemmi ftehim ma kienx jagħmel parti mid-dritt tal-Unjoni iżda kien jaqa' biss taħt id-dritt internazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja loġikament ikkonstatat in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha sabiex tiddeċiedi dwar ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni.

108. Inqis li r-raġunament żviluppat f'din is-sentenza huwa importanti mill-perspettiva ta' din il-kawża. Għaldaqstant, nipproponi li neżamina, fil-kuntest tal-analiżi tal-ilmenti speċifiċi mressqa mir-rikorrenti insostenn tar-rikors (il-Parti C iktar 'il quddiem), il-kriterji żviluppati f'din is-sentenza.

*3. Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-dritt tal-Unjoni*

109. Għandu jiġi enfasizzat li, skont id-dispożittiv tar-rikors, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex formalment adita sabiex tevalwa l-applikabbiltà tal-Ftehim ta' Arbitraġġ u lanqas il-validità tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża, iżda hija mitluba tiddeċiedi dwar il-kwistjoni jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, bħall-Artikolu 2 TUE u l-Artikolu 4(3) TUE kif ukoll dawk relatati mal-politika komuni tas-sajd, mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u mal-ippjanar tal-ispazju marittimu, inkisrux mir-Repubblika tal-Kroazja u għalhekk japplikaw fil-każ preżenti.

110. F'dan ir-rigward, l-Unjoni, b'differenza minn Stat, ma għandhiex "ġurisdizzjoni territorjali" fir-rigward tad-dritt internazzjonali, jiġifieri titolu ta' sovranità fuq it-territorju tagħha, u lanqas "territorju tal-Unjoni" komparabbli ma' "territorju federali"[45]. Fil-fatt, it-"territorju tal-Unjoni" jikkorrispondi għall-ispazju ġeografiku msemmi fl-Artikolu 52 TUE u fl-Artikolu 355 TFUE, li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati[46]. B'mod partikolari, l-Artikolu 52 TUE jipprovdi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, li t-Trattati għandhom japplikaw għall-Istati Membri[47]. Ir-regoli ddettaljati li jirregolaw il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati huma previsti fl-Artikolu 355 TFUE. L-Artikolu 52 TUE u l-Artikolu 355 TFUE ma humiex rilevanti biss fir-rigward tad-determinazzjoni tal-fruntiera esterna tal-Unjoni, iżda huma rilevanti wkoll sabiex jiġu stabbiliti l-ġurisdizzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri fl-eżekuzzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Għal dan il-għan,

45 Ara Ziller, J., "Champ d'application de l'Union. – Application territoriale", JurisClasseur *Europe Traité*, faxxikolu 470, 2013, punt 4.

46 Sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, El Dakkak u Intercontinental (C-17/16, EU:C:2017:341, punt 22).

47 Sentenza tal-15 ta' Diċembru 2015, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-132/14 sa C-136/14, EU:C:2015:813, punt 64).

fis-sentenza Aktiebolaget NN[48], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward tal-Artikolu 299 KE, li sar l-Artikolu 355 TFUE, li, "[f]in-nuqqas, fit-Trattat, ta' definizzjoni aktar preċiża tat-territorju li jaqa' taħt is-sovranità ta' kull Stat Membru, *huwa kull wieħed mill-Istati Membri* li jrid jistabbilixxi l-estensjoni u l-limiti ta' dan it-territorju, b'mod konformi mar-regoli tad-dritt internazzjonali pubbliku"[49].

111. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-dritt tal-Unjoni ma huwiex ibbażat fuq determinazzjoni *a priori* mill-Unjoni iżda jikkorrispondi iktar għal element oġġettiv impost fuqha. Minn dan isegwi li, fil-kuntest tar-rikors ippreżentat abbażi tal-Artikolu 259 TFUE, bħal dak inkwistjoni, li fih Stat Membru huwa akkużat li qed jostakola l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, id-delimitazzjoni tat-territorju li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ma taqax fil-qasam tal-kompetenza tal-Unjoni, li għandha, f'dan ir-rigward, tirreferi għad-dritt internazzjonali pubbliku u għall-istrumenti konformi li jiddefinixxu l-limiti ta' dan it-territorju.

*4. Konklużjoni intermedjarja*

112. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-opinjoni li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tiddependi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Dan id-dritt jimplika, minn naħa, żewġ sensiliet ta' regoli internazzjonali ta' natura konvenzjonali, jiġifieri l-konvenzjonijiet internazzjonali li l-Unjoni kkonkludiet skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati u dawk li għalihom l-Unjoni tassumi l-kompetenzi preċedentement eżerċitati mill-Istati Membri fil-qasam tal-applikazzjoni tal-ftehimiet inkwistjoni, kif ukoll, min-naħa l-oħra, ir-regoli konswetudinarji tad-dritt internazzjonali li jorbtu lill-Unjoni meta teżerċita l-kompetenzi tagħha. Fil-kuntest tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu[50], il-Qorti tal-Ġustizzja, min-naħa l-oħra, ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex issolvi tilwim bejn l-Istati Membri dwar il-validità, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali li ma jaqgħux taħt id-dritt tal-Unjoni. Għal din ir-raġuni, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet il-ġurisdizzjoni tagħha fil-każ fejn, formalment ir-rikors kien jirreferi għad-dritt tal-Unjoni, meta l-allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, fir-realtà, kien jirrigwarda strument tad-dritt internazzjonali li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-dritt tal-Unjoni u li għalhekk ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'hekk jagħmel l-ilmenti bbażati fuq id-dritt tal-Unjoni sekondarji. Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati huwa ddefinit fl-Artikolu 52 TUE u fl-Artikolu 355 TFUE u jikkorrispondi għal element oġġettiv stabbilit minn qabel mill-Istati Membri li huwa impost fuq l-Unjoni. Fil-fatt, fl-assenza, fit-Trattati, ta' definizzjoni iktar preċiża tat-territorju li jaqa' taħt is-sovranità ta' kull Stat Membru, huwa l-obbligu tagħhom li jiddeterminaw l-estensjoni u l-limiti ta' dan it-territorju, b'mod konformi mar-regoli tad-dritt internazzjonali pubbliku. Peress li, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni biss sabiex tiddeċiedi dwar l-aġir ta' Stat Membru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, hija ma għandhiex il-ġurisdizzjoni sabiex teżamina t-tilwim bejn l-Istati li jirrigwarda tilwim territorjali.

48 Sentenza tad-29 ta' Marzu 2007 (C-111/05, EU:C:2007:195).

49 Sentenza tad-29 ta' Marzu 2007, Aktiebolaget NN (C-111/05, EU:C:2007:195, punt 54); enfasi miżjuda minni.

50 Ma huwiex eskluż li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni għal dan it-tip ta' tilwim fil-kuntest ta' rikors skont l-Artikolu 273 TFUE, li abbażi tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tista' "tiddeċiedi kull tilwim bejn l-Istati Membri konness ma' l-għanijiet tat-Trattati, jekk dan it-tilwim jitressaq quddiemha skond it-termini ta' ftehim ta' kompromess".

## *C. Fuq is-suġġett tar-rikors*

113. Sabiex jiġi ddeterminat, fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tat-talba tar-Repubblika tas-Slovenja intiża sabiex jiġi kkonstatat l-allegat nuqqas min-naħa tar-Repubblika tal-Kroazja li tosserva d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tillimita ruħha għall-eżami formali tal-formulazzjoni tal-ilmenti li jidhru fid-dispożittiv tar-rikors, iżda għandha tagħmel analiżi sostanzjali tal-ilmenti mqajma mir-Repubblika tas-Slovenja [51].

### *1. Analiżi tal-ilmenti speċifiċi tar-Repubblika tas-Slovenja*

114. Is-sitt ilmenti mressqa mir-Repubblika tas-Slovenja huma mqassma kif ġej: l-ewwel tnejn huma bbażati fuq ksur ta' dispożizzjonijiet tad-dritt primarju (l-Artikolu 2 TUE u l-Artikolu 4(3) TUE) u l-erbgħa l-oħra fuq ksur ta' dispożizzjonijiet ta' dritt sekondarju, jiġifieri l-obbligi bbażati fuq il-politika komuni tas-sajd prevista fir-Regolament Nru 1380/2013 (it-tielet ilment), is-sistema ta' kontroll prevista mir-Regolament Nru 1224/2009 u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 404/2011, li jaqgħu taħt il-politika komuni tas-sajd (ir-raba' lment), fuq il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (il-ħames ilment) u fl-aħħar fuq is-sistema tal-ippjanar tal-ispazju marittimu prevista mid-Direttiva 2014/89 (is-sitt ilment).

115. Dawn l-ilmenti jistgħu jinġabru f'żewġ kategoriji, jiġifieri l-ilmenti bbażati fuq ksur tad-dritt primarju u dawk ibbażati fuq ksur tad-dritt sekondarju. Mill-eżami tal-argumenti mressqa insostenn ta' dawn l-ilmenti, jidher li l-istruttura tagħhom tvarja skont il-kategorija li jappartjenu għaliha.

116. F'dan ir-rigward, l-ilmenti bbażati fuq ksur tad-dritt primarju huma intiżi sabiex jiġi kkonstatat li n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Ftehim ta' Arbitraġġ u n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża mir-Repubblika tal-Kroazja jikkostitwixxu ksur tal-valur tal-Istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 TUE u tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE.

117. B'mod iktar preċiż, fir-rigward tal-ewwel ilment ibbażat fuq ksur allegat tal-valur tal-Istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 TUE, ir-Repubblika tas-Slovenja tqis li, billi naqset unilateralment mill-impenn meħud matul il-proċess ta' adeżjoni mal-Unjoni li tosserva d-deċiżjoni arbitrali li ser tingħata, il-fruntiera ddeterminata mid-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża kif ukoll l-obbligi l-oħra li jirriżultaw minn din id-deċiżjoni, ir-Repubblika tal-Kroazja tirrifjuta li tosserva l-valur tal-Istat tad-dritt stabbilit f'din id-dispożizzjoni u tikser, b'hekk, il-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u ta' *res judicata*. F'dak li jirrigwarda t-tieni lment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, li jipprovdi li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jirrispettaw u jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li jirriżultaw mit-Trattati, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika tas-Slovenja takkuża lir-Repubblika tal-Kroazja b'żewġ tipi ta' nuqqasijiet, jiġifieri bi ksur tat-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni [52] u bit-tfixkil tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fit-territorju Sloven.

118. Jidhirli li mill-argumenti tagħha dwar dawn iż-żewġ ilmenti jirriżulta li r-Repubblika tas-Slovenja tfittex li tistabbilixxi li n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Ftehim ta' Arbitraġġ u n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża mir-Repubblika tal-Kroazja jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 2 TUE u tal-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u ta' *res judicata*.

51 Ara l-punt 107 ta' dawn il-konklużjonijiet f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, ir-raġunament żviluppat fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-132/09, EU:C:2010:562).

52 Punti 62 sa 71 tar-rikors.

119. Min-naħa l-oħra, l-ilmenti bbażati fuq ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju huma bbażati fuq il-premessa li l-fruntiera bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja hija ddeterminata mid-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża, b'tali mod li r-rifjut ta' eżekuzzjoni minn dan l-ewwel Stat jikkostitwixxi ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

120. Fid-dawl tad-differenza strutturali bejn l-ilmenti bbażati fuq id-dritt primarju u dawk ibbażati fuq id-dritt sekondarju, hemm lok li dawn jiġu eżaminati f'żewġ stadji.

*2. Fuq l-ilmenti bbażati fuq il-ksur tad-dritt primarju*

121. Fid-dawl tal-konklużjoni intermedjarja li wasalt għaliha (punt 112 ta' dawn il-konklużjonijiet), wieħed għandu jistaqsi dwar ir-relazzjoni bejn, minn naħa, il-Ftehim ta' Arbitraġġ u d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża mogħtija abbażi ta' dan tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, id-dritt tal-Unjoni.

*a) Fuq ir-relazzjoni tal-Ftehim ta' Arbitraġġ u tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża mad-dritt tal-Unjoni*

122. Għandu jiġi enfasizzat li l-Ftehim ta' Arbitraġġ u, b'estensjoni, id-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża mogħtija abbażi ta' dan il-ftehim ma jaqgħu taħt ebda waħda mill-ipoteżijiet li fihom l-Unjoni hija marbuta mid-dritt internazzjonali, kif deskritti fil-punti 103 u 104 ta' dawn il-konklużjonijiet.

123. F'dak li jirrigwarda l-ewwel każ imsemmi fil-punt 104 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiġifieri li l-Unjoni hija marbuta mill-ftehimiet internazzjonali li hija kkonkludiet skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża ngħatat minn tribunal internazzjonali kkostitwit bis-saħħa ta' ftehim ta' arbitraġġ bilaterali. Huwa paċifiku li l-Unjoni ma kinitx parti la għall-Ftehim ta' Arbitraġġ u lanqas għall-proċedura ta' arbitraġġ li wasslet għall-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni. L-Unjoni offriet il-bon offiċji tagħha lill-partijiet [53] u ffirmat l-imsemmi ftehim biss bħala "xhud". Skont l-Artikolu 4(a) u (b) tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, it-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu japplika r-regoli u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali kif ukoll l-ekwità u l-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat. Konformement mal-Artikolu 8 ta' dan il-ftehim, in-negozjati tal-adeżjoni li kellhom ikomplu skont it-termini tal-Artikolu 9 ma kellhomx jaffettwaw il-ħidma tat-Tribunal tal-Arbitraġġ. L-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għalhekk ma hijiex prevista mill-ftehim li tiegħu l-Unjoni ħadet nota permezz tad-dokument tal-25 ta' Settembru 2009 [54]. Jidher għalhekk li d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża hija deċiżjoni meħuda minn tribunal tal-arbitraġġ ikkostitwit skont ftehim ta' arbitraġġ bilaterali u tapplika b'mod partikolari d-dritt internazzjonali.

124. F'dak li jirrigwarda t-tieni ipoteżi msemmija fil-punt 104 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiġifieri li l-Unjoni hija marbuta minn konvenzjoni internazzjonali meta hija tassumi l-kompetenzi preċedentement eżerċitati mill-Istati Membri fil-qasam ta' applikazzjoni ta' dik il-konvenzjoni, huwa evidenti li ma seħħ l-ebda trasferiment ta' kompetenzi min-naħa tal-Istati Membri lill-Unjoni fil-qasam tal-Ftehim ta' Arbitraġġ.

53 Ara l-Anness A.3 tar-rikors kif ukoll, b'mod iktar ġenerali, Geddes, A., Taylor, A., "Those Who Knock on Europe's Door Must Repent? Bilateral Border Disputes and EU Enlargement", *Political Studies*, Vol. 64, Nru 4, p. 930 sa 947. F'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-espressjoni "bon offiċji", din hija "l-azzjoni ta' parti terza, ħafna drabi Stat jew organizzazzjoni internazzjonali, li tintervjeni f'tilwima bejn żewġ partijiet jew iktar, li waħda minnhom mill-inqas tkun Stat, sabiex tipproponi lill-partijiet li aċċettaw il-medjazzjoni tagħha mezzi ta' riżoluzzjoni bil-għan li ssolvi t-tilwim ta' bejniethom b'mod paċifiku" [traduzzjoni libera] (definizzjoni disponibbli [bil-Franċiż] fuq http://www.operationspaix.net/15-lexique-bons-offices.html).

54 Ara, f'dan ir-rigward, l-Anness A.3 tar-rikors, li jinkludi skambju ta' ittri bejn ir-rappreżentanti tal-Gvern Kroat u dak Svediż li ġew ikkomunikati lill-Konferenza dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

125. Fir-rigward tat-tielet xenarju msemmi fil-punt 104 ta' dawn il-konklużjonijiet, li jirrifletti l-osservanza neċessarja tar-regoli tad-dritt internazzjonali konswetudinarju, dan iseħħ biss meta l-Unjoni teżerċita l-kompetenzi tagħha, li ma huwiex il-każ f'din il-kawża, peress li l-Ftehim ta' Arbitraġġ u d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża huma strumenti internazzjonali li jaqgħu barra mill-kamp tal-kompetenzi tal-Unjoni.

126. Rigward il-kwistjoni ta' jekk il-Ftehim ta' Arbitraġġ jew id-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża jistgħux ikunu introdotti fid-dritt tal-Unjoni permezz tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li waħda mill-kundizzjonijiet *politiċi* għall-adeżjoni mal-Unjoni tar-Repubblika tal-Kroazja kienet ir-riżoluzzjoni tat-tilwima dwar il-fruntiera li kellha mar-Repubblika tas-Slovenja[55]. Huwa paċifiku li, fil-mument tal-iffirmar tat-Trattat ta' Adeżjoni, il-Ftehim ta' Arbitraġġ kien ġie iffirmat, iżda l-proċedura ta' arbitraġġ kienet għadha ma bdietx[56]. Madankollu, l-ebda element mill-proċess ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li din il-kundizzjoni politika mmaterjalizzat f'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Att ta' Adeżjoni jew tat-Trattat dwar l-Adeżjoni. Fil-fatt, jiena tal-fehma li r-referenza għad-deċiżjoni arbitrali li ser tingħata li tinsab fl-Anness III tal-Att ta' Adeżjoni, li barra minn hekk hija l-unika referenza għat-tilwima dwar il-fruntiera bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja fl-imsemmi att, għandha tiġi analizzata bħala l-konstatazzjoni li l-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd kellha tiġi emendata sabiex jiġu ddefiniti l-faxex kostali taż-żewġ Stati inkwistjoni, sabiex tiġi applikata s-sistema speċifika skont ir-relazzjonijiet ta' viċinat. Fid-dawl tal-formulazzjoni ta' din ir-referenza[57], din tal-aħħar ma tistax tiġi analizzata f'obbligu ġuridiku li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni u li jimponi fuq ir-Repubblika tal-Kroazja li ssolvi t-tilwima tagħha mar-Repubblika tas-Slovenja dwar il-fruntiera komuni tagħhom skont it-termini tad-deċiżjoni arbitrali li ser tingħata[58].

127. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, jiena tal-opinjoni li l-Unjoni ma hijiex marbuta bil-Fehim ta' Arbitraġġ fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 103 ta' dawn il-konklużjonijiet, u lanqas bid-deċiżjoni kontenzjuża prevista mill-imsemmi ftehim, peress li dawn l-istrumenti legali ma jappartjenux għall-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-dritt tal-Unjoni.

128. Sabiex tiġi eżaminata, b'mod partikolari, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tieħu konjizzjoni taż-żewġ ilmenti bbażati fuq id-dritt primarju u mressqa mir-rikorrenti, għandu, minn naħa, jiġi eżaminat l-ewwel ilment ibbażat fuq l-allegat ksur tal-valur tal-Istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 TUE (il-punt b) u, min-naħa l-oħra, jiġi kkunsidrat it-tieni lment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE (il-punt c).

*b) Fuq l-ewwel ilment ibbażat fuq l-allegat ksur tal-valur tal-Istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 TUE*

129. Qabel kollox, għandu jiġi osservat li r-Repubblika tas-Slovenja tinvoka l-valur tal-Istat tad-dritt, minn naħa, b'mod awtonomu u, min-naħa l-oħra, flimkien mal-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u ta' *res judicata*. Fiż-żewġ ipoteżijiet, inqis li l-kunsiderazzjonijiet marbuta man-natura anċillari tal-allegazzjonijiet dwar l-allegat ksur tad-dritt tal-Unjoni u esposti fil-punti 105 sa 107 ta' dawn il-konklużjonijiet għandhom japplikaw fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-ilment inkwistjoni.

55 Ara, f'dan ir-rigward, l-Anness A.3 tar-rikors, li jinkludi skambju ta' ittri bejn ir-rappreżentanti tal-Gvern Kroat u dak Svediż, bid-data tal-25 ta' Settembru 2009.

56 Ara l-punti 27 sa 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

57 Ta' min ifakkar, kif espost fil-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet, li l-Anness III jipprovdi li "[l]-iskema tista' tapplika biss matul il-perijodu mill-2014 sal-2015 jew, jekk dan iseħħ qabel, sad-data tal-implimentazzjoni sħiħa tas-sentenza tal-arbitraġġ li hi riżultat tal-Ftehim ta'Arbitraġġ bejn ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tal-Kroazja, iffirmat fi Stokkolma fl-4 ta' Novembru 2009".

58 Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni hija sostnuta mit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Ġunju 2019, tweġiba li fiha hija tafferma li l-"kliem tan-noti ta' qiegħ il-paġna [tal-punti 8 u 10 tal-Anness I għar-Regolament Nru 1380/2013], li jirrifletti l-kontenut tal-Att ta' Adeżjoni, jipprovdi li s-sistemi ta' aċċess għall-faxex kostali rispettivi għandhom japplikaw biss mill-mument meta d-deċiżjoni arbitrali li tirriżulta mill-Ftehim ta' Arbitraġġ [...] tkun ġiet implimentata b'mod sħiħ". Il-Kummissjoni żżid li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tista' tinftiehem fis-sens li "l-awturi tad-dispożizzjoni ma kellhomx l-intenzjoni li japplikaw is-sistemi ta' aċċess b'effett immedjat jew b'effett awtomatiku minn ċerta data".

130. Fil-fatt, għalkemm fid-dispożittiv tar-rikors jissemmew formalment ksur tal-valur tal-Istat tad-dritt u tal-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u ta' *res judicata*, l-allegazzjoni fiha nnifisha tirrigwarda l-allegat ksur, mir-Repubblika tal-Kroazja, tad-dritt internazzjonali li jirriżulta min-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża. Kif jirriżulta mill-punt 127 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-Unjoni la hija marbuta mill-Ftehim ta' Arbitraġġ u lanqas mid-deċiżjoni kontenzjuża prevista minnu; għalhekk, il-problema dwar il-ksur tad-dritt tal-Unjoni għandha natura ançillari meta mqabbla ma' dik tad-delimitazzjoni tal-fruntiera terrestri u tal-fruntiera marittima taż-żewġ Stati Membri kkonċernati.

131. Barra minn hekk, kif diġà esponejt fil-punt 126 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiena tal-fehma li t-tentattiv sabiex l-impenji meħuda waqt l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni jiġu marbuta mal-imsemmija valuri u prinċipji ma huwiex biżżejjed sabiex ir-rikors ikun jista' jiġi bbażat fuq dawn tal-aħħar b'mod awtonomu. Għaldaqstant, l-argument ibbażat fuq l-assenza ta' eżekuzzjoni ta' impenji meħuda matul il-proċess ta' adeżjoni għandu wkoll jiġi miċħud, minħabba li dawn l-impenji ma jikkostitwixxux obbligi legali li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u ma jistgħux jiġu invokati fil-kuntest tal-Artikolu 259 TFUE.

132. Fi kwalunkwe każ u għall-finijiet ta' kompletezza, fl-ewwel lok, nistaqsi jekk, anki jekk jitqies li l-ksur allegat jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ilment ibbażat fuq il-valur tal-Istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 TUE ikunx ammissibbli abbażi tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu previst fl-Artikolu 259 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement irrikorriet għal dan il-valur f'għadd ta' kawżi[59]. Madankollu, ninnota li dan il-valur ma ssemmiex, fil-ġurisprudenza, b'mod awtonomu, iżda dejjem ma' regola li tagħtih "espressjoni konkreta" jew li tikkostitwixxi "manifestazzjoni speċifika" tiegħu[60], jiġifieri l-Artikolu 19 TUE. B'hekk, ir-rabta bejn il-valur tal-Istat tad-dritt u l-kompetenza tal-Unjoni ġiet stabbilita minħabba li l-istħarriġ ġudizzjarju fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma għandux ikun żgurat biss mill-Qorti tal-Ġustizzja iżda wkoll mill-qrati nazzjonali.

133. Ċertament, f'dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni tal-Artikolu 2 TUE, huwa ammess b'mod wiesa' li l-Artikolu 7 TUE u l-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huma komplementari[61] u li ksur tal-Artikolu 2 TUE jista', bħala prinċipju, ikun ipprospettat fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu[62]. Madankollu, xorta waħda jibqa' l-fatt li r-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jikkostitwixxi rimedju ġurisdizzjonali marbut mal-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – li, kif kien espost fil-punti 130 u 131 ta' dawn il-konklużjonijiet, ma huwiex

59 Ara s-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 32), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[l]-Artikolu 19 TUE, li jikkonkretizza l-valur tal-istat ta' dritt affermat fl-Artikolu 2 TFUE jafda l-kompitu li jiġi żgurat l-istħarriġ ġudizzjarju fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni mhux biss fuq il-Qorti tal-Ġustizzja, iżda wkoll fuq il-qrati nazzjonali". L-istess silta ġiet imtennija fis-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 47).

60 Espressjoni użata mill-Avukat Ġenerali Tanchev, fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji) (C-192/18, EU:C:2019:529, punt 71).

61 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev, fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:325, punti 50 u 51), kif ukoll Hillion, C., "Overseeing the Rule of Law in the EU: Legal Mandate and Means", fi Closa u Kochenov, p. 66 sa 74.

62 Ara, b'mod partikolari, Mader, O., "Enforcement of EU values as a Political Endeavour: Constitutional Pluralism and Value Homogeneity in Times of Persistent Challenges to the Rule of Law", Hague Journal on the Rule of Law, Vol. 11, Nru 1, April 2019, punt 3.4.2.

il-każ f'din il-kawża –, li jirrikjedi li jiġu invokati obbligi legali konkreti[63]. B'dan premess, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' dejjem tirrikorri għall-Artikolu 2 TUE għal finijiet ta' interpretazzjoni, sabiex tiddetermina jekk kienx hemm ksur tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li, anki jekk jitqies li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex teżamina l-ewwel ilment ibbażat fuq l-Istat tad-dritt, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, dan il-valur ma jistax jiġi invokat b'mod awtonomu.

134. Fit-tieni lok, sa fejn dan l-ewwel ilment jirrigwarda l-prinċipji ta' *bona fide*, li jirriżultaw mill-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fid-dritt tal-Unjoni, u ta' *res judicata*, peress li la l-Ftehim ta' Arbitraġġ u lanqas id-deċiżjoni arbitrali ma jikkostitwixxu atti tal-Unjoni u lanqas obbligi internazzjonali li jorbtu lill-Unjoni[64], il-fatt li dawn il-prinċipji jiġu invokati flimkien mal-valur tal-Istat tad-dritt ma huwiex biżżejjed, jekk ma tiġix invokata dispożizzjoni speċifika tad-dritt tal-Unjoni jew li torbot lill-Unjoni. Issa, fil-każ ta' lment ibbażat fuq in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni arbitrali u tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, strumenti bilaterali rregolati esklużivament mid-dritt internazzjonali, tali rabta hija nieqsa.

135. Konsegwentement, jiena tal-fehma li, f'tali ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tal-ilment ibbażat fuq il-valur tal-Istat tad-dritt, għar-raġuni li dan għandu natura anċillari meta mqabbel mal-problema tal-ksur tal-obbligi tad-dritt internazzjonali.

*c) Fuq it-tieni lment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE*

136. Fl-ewwel lok, ir-Repubblika tas-Slovenja ssostni, essenzjalment, li, billi tirrifjuta li tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha skont id-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża, ir-Repubblika tal-Kroazja tipprekludiha milli teżerċita b'mod sħiħ is-sovranità tagħha fuq it-territorju tagħha kollu. Tali aġir jipperikola t-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni[65]. It-tieni nett, ir-Repubblika tas-Slovenja tilmenta li r-Repubblika tal-Kroazja tipprekludiha milli twettaq l-obbligu tagħha li timplimenta d-Direttiva 2008/56, id-Direttiva 92/43, ir-Regolament Nru 1143/2014 kif ukoll id-Direttiva 2000/60.

137. Kif diġà esponejt fil-punti 105 sa 107 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-allegazzjonijiet ibbażati fuq dan il-prinċipju għandhom natura anċillari meta mqabbla mar-riżoluzzjoni tat-tilwima internazzjonali dwar il-validità u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża. F'dan ir-rigward, insib li l-mod li bih ir-Repubblika tas-Slovenja fformulat it-tieni lment tagħha huwa partikolarment rivelatur. Hija tqis li r-Repubblika tal-Kroazja, "[b]illi tirrifjuta unilateralment li tikkonforma mal-obbligi tagħha skont is-sentenza arbitrali [kontenzjuża]", kisret il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali[66]. Għalhekk, ir-Repubblika tal-Kroazja tipprekludiha milli teżerċita b'mod sħiħ is-sovranità tagħha fuq it-territorju terrestri u dak marittimu tagħha skont it-Trattati u d-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju[67].

63 Ara b'mod partikolari Ruffert (Calliess/Ruffert, *EUV/AEUV Kommentar*, ir-raba' edizzjoni, 2011, l-Artikolu 7 TUE, punt 29, p. 160 u 161), li jenfasizza li r-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kien maħsub sabiex tittieħed azzjoni legali kontra "ksur konkret u individwali" tar-regoli tal-Unjoni filwaqt li l-mekkaniżmu previst mill-Artikolu 7 TUE jirrigwarda l-ksur tal-valuri tal-Unjoni li, fid-dawl tan-"natura ġenerali" tagħhom, ma jistgħux jiġu mfittxija permezz ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Skont Heintschel von Heinegg (Vedder/Heintschel von Heinegg, *Europäisches Unionsrecht*, it-tieni edizzjoni, 2018, l-Artikolu 7 TUE, punt 29, p. 112 u 113), il-ksur tal-Artikolu 2 TUE jista' jiġi invokat biss fil-kuntest tal-mekkaniżmu previst mill-Artikolu 7 TUE, fid-dawl tal-fatt li dan huwa kkaratterizzat minn "kwalità partikolari", li tista' tippreġudika l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni. Huwa jżid li huma biss l-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li jistgħu jtemmu dan it-tip ta' ksur billi jużaw l-influwenza politika tagħhom. Skont dan l-awtur, il-Qorti tal-Ġustizzja, għall-kuntrarju, ma tistax tinkariga ruħha minn dan f'rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, minħabba li hija pprojbita milli tiddeċiedi dwar kwistjonijiet politiċi. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha biss il-mekkaniżmu ta' sanzjonijiet previst fl-Artikolu 260 TFUE, li dan l-awtur iqis li ma huwiex adegwat sabiex jissanzjona tali ksur. Minn dan jiddeduċi li r-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma huwiex applikabbli għall-ksur skont l-Artikolu 2 TUE.

64 Ara l-punti 103 sa 104 ta' dawn il-konklużjonijiet.

65 Ir-Repubblika tas-Slovenja tirreferi għal dawn l-għanijiet: il-promozzjoni tal-paċi u tal-konsolidazzjoni tagħha, l-għaqda dejjem iktar mill-qrib fost il-popli, u t-twettiq tal-għanijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar it-territorju tal-Istati Membri.

66 Paġna 3 tar-rikors, sunt tat-tieni lment.

67 *Ibidem.*

138. Fi kwalunkwe każ, it-tieni lment ibbażat fuq il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, skont ir-riċerki tiegħi, dan il-prinċipju kkostitwixxa bażi awtonoma għal obbligi f'kawżi fejn l-Unjoni kienet parti għal ftehim imħallat[68] jew fl-ipoteżi tal-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati UE u FUE[69]. Madankollu, f'dan il-każ, l-aġir allegat ma jaqa' taħt l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ ipoteżijiet. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-analiżi iktar 'il fuq, jiena tal-fehma li la l-Ftehim ta' Arbitraġġ u lanqas id-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża ma jikkostitwixxu atti tad-dritt tal-Unjoni u lanqas ma jikkostitwixxu obbligi internazzjonali li jorbtu lill-Unjoni[70]. L-eżekuzzjoni tagħhom ma tikkostitwixxix obbligu li jirriżulta mit-Trattati UE u FUE. Għaldaqstant, l-unika possibbiltà li jiġu invokati l-għanijiet tal-Unjoni hija l-applikazzjoni tat-teorija tal-limitazzjoni. Skont din it-teorija, l-eżerċizzju tal-kompetenza rriżervata għall-Istati Membri hija limitata f'isem it-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni[71]. Madankollu, kuntrarjament għall-kawżi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-limitazzjoni tal-kompetenzi[72], f'dan il-każ, l-aġir ikkritikat, jiġifieri n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni arbitrali, ma għandu ebda rabta mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni.

139. B'hekk, jiena tal-fehma li, f'tali ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' dan l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 4(3) TUE.

140. Konsegwentement, inqis li l-ilmenti bbażati fuq id-dritt primarju għandhom jiġu miċħuda, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti sabiex teżamina tilwima li hija ta' natura prinċipalment internazzjonali, peress li l-ksur tad-dritt tal-Unjoni huwa biss anċillari. Għandhom jiġu eżaminati l-ilmenti bbażati fuq ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju.

### *3. Fuq l-ilmenti bbażati fuq id-dritt sekondarju*

141. Kif jirriżulta mill-analiżi ġenerali tal-ilmenti bbażati fuq il-ksur allegat tad-dritt sekondarju li tressqu mir-Repubblika tas-Slovenja, din tal-aħħar tibbaża ruħha, insostenn ta' dawn l-ilmenti, fuq premessa li tgħid li l-fruntiera bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja hija ddeterminata mid-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża mogħtija abbażi tal-Ftehim ta' Arbitraġġ. Issa, kif enfasizzajt diversi drabi f'dawn il-konklużjonijiet, l-imsemmi ftehim u d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża ma jaqgħux taħt id-dritt tal-Unjoni. Bl-istess mod, kif indikat fil-parti li tikkonċerna r-rimarki preliminari, b'mod partikolari l-punti 109 sa 112 ta' dawn il-konklużjonijiet, mill-Artikolu 52 TUE u mill-Artikolu 355 TFUE jirriżulta li l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattati jikkorrispondi għal element oġġettiv stabbilit minn qabel mill-Istati Membri u li huwa impost fuq l-Unjoni. F'dan il-kuntest, għandu jiġi eżaminat jekk id-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża tistax tkun direttament applikabbli fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

68 L-applikazzjoni awtonoma tal-Artikolu 4(3) TUE kienet possibbli, b'mod partikolari għaliex il-punt kontenzjuż kien jaqa' taħt il-qasam tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni u għaliex l-Unjoni kienet parti għall-ftehim. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fejn is-suġġett ta' ftehim jew ta' konvenzjoni jaqa' parzjalment taħt il-kompetenza tal-Unjoni u parzjalment taħt dik tal-Istati Membri, huwa importanti li tiġi żgurata kooperazzjoni stretta bejn dawn tal-aħħar u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, kemm fil-proċess tan-negozjati u tal-konklużjonijiet, kif ukoll *fit-twettiq tal-obbligi assunti*. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li dan l-obbligu ta' kooperazzjoni jirriżulta mir-rekwiżit ta' unità ta' rappreżentanza internazzjonali tal-Unjoni (sentenza tal-20 ta' April 2010, Il-Kummissjoni vs L-Iżvezja, C-246/07, EU:C:2010:203, punt 73). Ara, ukoll, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-459/03, EU:C:2006:345).

69 Huma l-Istati Membri, b'mod partikolari skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, li għandhom jiżguraw, fit-territorji rispettivi tagħhom, l-applikazzjoni u l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni u, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, l-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, The Trustees of the BT Pension Scheme, C-628/15, EU:C:2017:687, punt 47). Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-prinċipju ma jawtorizzax lil Stat Membru jevita l-obbligi imposti fuqu mid-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-18 ta' Ottubru 2016, Nikiforidis, C-135/15, EU:C:2016:774, punt 54).

70 Ara l-punti 122 sa 127 ta' dawn il-konklużjonijiet.

71 Fir-rigward tal-limitazzjoni tal-kompetenzi, ara Azoulai, L., "The 'Retained Powers' Formula in the Case Law of the European Court of Justice: EU Law as Total Law?", *European Journal of Legal Studies*, Vol. 2, Nru 4, 2011, p. 192 sa 219, u Lindeboom, J., "Why EU Law Claims Supremacy", *Oxford Journal of Legal Studies*, Vol. Nru 38, sajf 2018, p. 328 sa 356, https://doi.org/10.1093/ojls/gqy008, kif ukoll Neframi, E., "Le principe de coopération loyale comme fondement identitaire de l'Union européenne", *Revue du Marché commun et de l'Union européenne*, Nru 556, 2012, p. 197 sa 203.

72 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker (C-279/93, EU:C:1995:31, punt 21); tal-11 ta' Awwissu 1995, Wielockx (C-80/94, EU:C:1995:271, punt 16), kif ukoll tas-16 ta' Lulju 1998, ICI (C-264/96, EU:C:1998:370, punt 19) fil-qasam tat-tassazzjoni diretta.

*a) L-assenza tan-natura awtoeżekutorja u tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża*

142. Minn naħa, jien tal-fehma li, bħala prinċipju, huwa possibbli li tiġi ammessa t-teżi tar-Repubblika tas-Slovenja li deċiżjoni li tittieħed minn qrati internazzjonali rikonoxxuti, bħall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (iktar 'il quddiem il-"QIĠ") jew il-QPA, tikkostitwixxi fatt legali għall-Qorti tal-Ġustizzja tagħna (*res judicata*)[73]. F'dan il-każ, skont il-Ftehim ta' Arbitraġġ[74], il-proċedura quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ inkwistjoni seħħet taħt l-awspiċji ta' istituzzjoni arbitrali permanenti, il-QPA[75], li kienet magħżula bħala l-istituzzjoni li tiffunzjona bħala Reġistru[76] miż-żewġ Stati inkwistjoni[77].

143. Min-naħa l-oħra, nikkunsidra li, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni (l-Artikolu 52 TUE u l-Artikolu 355 TFUE) u, b'mod partikolari, f'dak li jikkonċerna l-kompetenza ta' eżekuzzjoni ta' dan id-dritt tal-Istati Membri, huwa indispensabbli li l-fruntiera bejn dawn tal-aħħar ma tkunx delimitata biss fis-sens legali u politiku, iżda li tali delimitazzjoni tkun ukoll implimentata u operazzjonali. It-Trattati ma jipprevedu ebda kompetenza tal-Unjoni sabiex tiddetermina fejn jibdew u jispiċċaw it-territorji li jaqgħu rispettivament taħt żewġ Stati ġirien. Id-determinazzjoni tal-estensjoni u tal-limiti tat-territorju taqa' taħt is-sovranità ta' kull Stat Membru, b'mod konformi mar-regoli tad-dritt internazzjonali pubbliku, kif jirriżulta, *mutatis mutandis*, mis-sentenza Aktiebolaget NN[78].

144. Għal dan il-għan, għandu jiġi rrilevat li, minn naħa, skont il-prinċipju ta' kompetenzi ta' attribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 5(2) TUE, l-Unjoni għandha taġixxi biss fil-limiti tal-kompetenzi li l-Istati Membri attribwixxewlha fit-Trattati sabiex jintlaħqu l-għanijiet li dawn it-trattati jistabbilixxu[79] u li, min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 4(1) TUE, kull kompetenza li ma hijiex attribwita lill-Unjoni tappartjeni lill-Istati Membri. F'dan il-każ, jiena tal-opinjoni li din hija kompetenza riżervata għall-Istati Membri. Għalhekk, sabiex id-dritt tal-Unjoni jkun jista' japplika, il-fruntieri tal-Istat ma għandhomx ikunu ddeterminati biss mill-perspettiva tad-dritt internazzjonali pubbliku, iżda wkoll iddelimitati mill-perspettiva fattwali.

145. Għalkemm il-fruntiera kontenzjuża bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja hija ddeterminata mid-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża, hekk kif jirriżulta mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiġi rrilevat li, f'din il-kawża, l-applikabbiltà u l-validità tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża huma kkontestati ferm mir-Repubblika tal-Kroazja. Fil-fatt, huwa impossibbli li jiġi injorat il-fatt li, permezz ta' nota verbali tat-30 ta' Lulju 2015, ir-Repubblika tal-Kroazja nnotifikat lir-Repubblika tas-Slovenja bil-waqfien tal-Ftehim ta' Arbitraġġ u l-applikabbiltà eventwali tal-proċedura prevista fl-Artikolu 65 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna[80]. Din in-notifika ġiet ikkomunikata wkoll lit-Tribunal tal-Arbitraġġ fil-31 ta' Lulju 2015. Għalhekk, minn din in-notifika, ir-Repubblika tal-Kroazja rtirat mill-proċedura ta' arbitraġġ u ma ħaditx iktar sehem fiha. Fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha u matul is-seduta, hija sostniet li t-Tribunal tal-Arbitraġġ, bl-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, mar lil hinn mill-kompetenzi tiegħu[81].

73 Fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973, punti 88 sa 91), reċentement il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-opinjonijiet konsultattivi tal-QIĠ, bħala "sorsi ta' liġi", li jidhirli li jeħtieġ li jiġu distinti madankollu minn "fatt legali".

74 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Arbitraġġ, it-Tribunal tal-Arbitraġġ kellu jmexxi l-proċedura skont ir-Regoli fakultattivi tal-QPA għall-arbitraġġ ta' tilwim bejn żewġ Stati. Dawn ir-Regoli huma disponibbli fuq https://pca-cpa.org/en/documents/pca-conventions-and-rules/.

75 Il-QPA hija stabbilita f'Den Haag u nħolqot mill-konvenzjonijiet għar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti internazzjonali konklużi f'Den Haag fl-1899 u fl-1907.

76 Ara l-punt 148 tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża.

77 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

78 Sentenza tad-29 ta' Marzu 2007 (C-111/05, EU:C:2007:195, punt 54).

79 Ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 2/94 (L-Adeżjoni tal-Komunità għall-KEDB), tat-28 ta' Marzu 1996, (EU:C:1996:140, punt 24); is-sentenzi tal-1 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-370/07, EU:C:2009:590, punt 46), kif ukoll tal-25 ta' Ottubru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (CMR-15), (C-687/15, EU:C:2017:803, punt 48).

80 Punt 84 tad-deċiżjoni arbitrali parzjali.

81 Punti 87 sa 92 tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

146. B'mod iktar ġenerali, għandu jiġi osservat li, fl-istorja tad-dritt internazzjonali u anki fil-preżent[82], is-sitwazzjoni li fiha waħda mill-partijiet għall-proċedura arbitrali ma tirrikonoxxix il-validità ta' deċiżjoni mogħtija minn tribunal tal-arbitraġġ jew tirrifjuta li teżegwixxiha, ma hijiex ġdida[83]. Fil-fatt, anki jekk ma hemm l-ebda mekkaniżmu obbligatorju ta' kontroll tad-deċiżjonijiet arbitrali bejn l-Istati, Stat li jikkontesta tali deċiżjoni jista' jressaq it-tilwima dwar il-validità ta' dik id-deċiżjoni quddiem il-QIĠ[84].

147. F'dan il-kuntest, ma tantx huwa sorprendenti li r-Repubblika tal-Kroazja, sabiex tispjega r-raġunijiet tan-nuqqas ta' rikonoxximent tagħha tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża, tibbaża fuq l-allegat eċċess ta' poter tat-Tribunal tal-Arbitraġġ bbażat fuq l-adozzjoni stess tal-imsemmija deċiżjoni[85]. Fil-prattika, meta Stat jikkontesta deċiżjoni arbitrali bejn Stati, l-imsemmija deċiżjoni tikkostitwixxi biss, fir-realtà, tentattiv ta' riżoluzzjoni tat-tilwima inkwistjoni, peress li, fid-dritt internazzjonali pubbliku u fid-dawl ta' dak li wieħed jista' jikkunsidra bħala l-essenza imperfetta tagħha, ma jeżistix mekkaniżmu vinkolanti li jiggarantixxi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet arbitrali bejn l-Istati li huwa indipendenti mir-rieda sovrana tal-Istati[86].

148. Anki jekk jitqies li, mill-perspettiva tad-dritt internazzjonali, id-deċiżjoni parzjali tinkludi evalwazzjoni ġuridika dwar il-fatti msemmija fil-punt 145 ta' dawn il-konklużjonijiet[87], xorta jibqa' l-fatt li din id-deċiżjoni għadha ma ġietx implimentata fir-relazzjonijiet bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja. Ninnota, f'dan ir-rigward, li l-Artikolu 7(3) tal-Ftehim ta' Arbitraġġ jistipula li "l-partijiet għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jimplimentaw id-deċiżjoni, inkluż, jekk ikun hemm bżonn, l-emenda tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-sitt xhur wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. F'dan is-sens, nikkondividi l-argument tar-Repubblika tal-Kroazja, ippreżentat waqt is-seduta, li d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża ma għandhiex natura "awtoeżekutorja"[88], li jidhirli li jfisser, fil-fehma tiegħi, li ma hijiex direttament applikabbli[89].

82 Bħala eżempju, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ma tirrikonoxxix id-deċiżjoni arbitrali mogħtija mill-QPA fil-kuntest tal-arbitraġġ dwar il-baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar (Ir-Repubblika tal-Filippini vs Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, Nru 2013-19, deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2016).

83 Ara, pereżempju, id-deċiżjoni tal-15 ta' Ġunju 1911, il-kawża tal-Chamizal, *Répertoire de la jurisprudence arbitrale internationale*, Nru 1073; Fruntiera bejn il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika, L-Istati Uniti tal-Amerika vs Ir-Renju Unit, deċiżjoni tal-10 ta' Jannar 1831 mir-Re William I tal-Pajjiżi l-Baxxi, *Répertoire de la jurisprudence arbitrale internationale*, Nri 1054 u 1080, u t-Trattat tal-Limiti tal-1858, Il-Kosta Rika vs In-Nikaragwa, *Répertoire de la jurisprudence arbitrale internationale*, Nru 1003.

84 Ara Giraudeau, G. "Les différends territoriaux devant le juge international: entre droit et transaction", p. 122 sa 125. Ara, b'mod partikolari, il-kawżi tad-deċiżjoni arbitrali mogħtija mir-Re ta' Spanja fit-23 ta' Diċembru 1906 (Il-Ħonduras vs In-Nikaragwa, sentenza tat-18 ta' Novembru 1960, CIJ Recueil 1960, p. 214) u tad-deċiżjoni arbitrali tal-31 ta' Lulju 1989 (Il-Ginea Bissaw vs Is-Senegal, sentenza tat-12 ta' Novembru 1991, CIJ Recueil 1992, p. 76). Fl-ewwel kawża, in-Nikaragwa kienet irrifjutat li teżegwixxi d-deċiżjoni arbitrali mogħtija fl-1906, b'mod li l-Gvern tal-Ħonduras ressaq kawża quddiem il-QIĠ sabiex dan in-nuqqas ta' eżekuzzjoni jkun irrikonoxxut. Fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Novembru 1960, il-QIĠ ikkonfermat il-validità tal-imsemmija deċiżjoni. Fit-tieni kawża, il-Ginea-Bissaw kienet irrifjutat li tapplika d-deċiżjoni arbitrali tal-1989 dwar id-delimitazzjoni marittima li kellha ssir bejn il-Ginea-Bissaw u s-Senegal. Fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn dawn iż-żewġ Stati, il-Ginea-Bissaw għalhekk adixxiet lill-QIĠ, skont l-Artikolu 36(2) tal-Istatut tal-QIĠ. Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Novembru 1991, il-QIĠ ivvalidat l-imsemmija deċiżjoni.

85 Punti 87 sa 92 tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

86 Caldeira Brant, L. N., "L'autorité de la chose jugée en droit international public ", p. 209 sa 211.

87 Ara l-punti 148 sa 225 tad-deċiżjoni parzjali.

88 Sussidjarjament, fir-rigward tan-natura "awtoeżekutorja" tas-sentenzi tal-QIĠ, ara s-sentenza tas-Supreme Court of the United States (il-Qorti Suprema tal-Istati Uniti), tal-25 ta' Marzu 2008, Medellín vs Texas (552, US 491 (2008)). Il-Qorti Suprema kienet mitluba tiddeċiedi jekk is-sentenza tal-QIĠ, tal-31 ta' Marzu 2004, Avena u ċittadini oħra Messikani (Il-Messiku vs L-Istati Uniti tal-Amerika, CIJ Recueil 2004, p. 12 sa 73), setgħetx tiġi invokata minn individwu quddiem il-qrati Amerikani. Il-Qorti Suprema fakkret id-distinzjoni ġurisprudenzjali bejn l-obbligi internazzjonali "awtoeżekutorji" ("self-executing"), li huma immedjatament applikabbli bħal-liġijiet federali, u t-trattati li jeħtieġu miżuri interni ta' implimentazzjoni. F'din il-kawża, il-Qorti Suprema ddeċidiet li ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tat-Trattati li jorganizzaw l-effetti tas-sentenzi tal-QIĠ fil-qasam ikkonċernat, jiġifieri, l-ewwel nett, il-Protokoll tal-Iffirmar Fakultattiv għall-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi, rigward ir-riżoluzzjoni obbligatorja tat-tilwim, it-tieni nett, l-Artikolu 94 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (iffirmata f'San Francisco fis-26 ta' Ġunju 1945) u, fit-tielet lok, l-Istatut tal-QIĠ, ma tagħmel lil dawn is-sentenzi "awtoeżekutorji" (US 507 sa 512). Għaldaqstant, sabiex ikunu jistgħu jiġu invokati quddiem il-qrati tal-Istati Uniti, is-sentenzi tal-QIĠ iridu jiġu implimentati permezz tal-leġiżlazzjoni federali li tagħmilhom applikabbli (US 504), peress li l-leġiżlatur jista', għal dan il-għan, jivvota liġijiet li jirrendu dawn is-sentenzi applikabbli fid-dritt intern (US 527).

89 Ara Verhoeven, J., "La notion d'"applicabilité directe' du droit international", R.B.D.I. 243, Nru 13-14, 1986. Skont definizzjoni wiesgħa, "hija direttament applikabbli d-dispożizzjoni tad-dritt internazzjonali li, mingħajr ma teħtieġ ebda miżura interna ta' eżekuzzjoni, tista' tiġi applikata fl-Istat fejn din ir-regola tkun fis-seħħ" [traduzzjoni libera].

149. Konsegwentement, jiena tal-opinjoni li d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża ma ġietx implimentata fir-relazzjonijiet bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja, b'tali mod li, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, il-fruntiera bejn dawn iż-żewġ Stati Membri la ġiet stabbilita fis-sens tal-Artikolu 52 TUE u tal-Artikolu 355 TFUE u lanqas fis-sens tal-ġurisprudenza Aktiebolaget NN[90], li skontha kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiddetermina l-estensjoni u l-limiti tat-territorju tiegħu, b'mod konformi mar-regoli tad-dritt internazzjonali pubbliku. Peress li d-determinazzjoni tal-fruntieri bejn Stati Membri ma hijiex kompetenza attribwita lill-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 5(2) TUE, u ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-dritt tal-Unjoni, il-kwistjonijiet inkwistjoni ma jistgħux jikkostitwixxu s-suġġett tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 259 TFUE.

150. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandhom jiġu eżaminati separatament l-ilmenti speċifiċi bbażati fuq id-dritt sekondarju u mressqa mir-rikorrenti insostenn tar-rikors tagħha. Hemm lok li tiġi analizzata l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tieħu konjizzjoni tal-ilmenti insostenn tar-rikors ibbażati fuq, minn naħa (il-punt (b)) l-Artikolu 5(2) u l-Anness I għar-Regolament Nru 1380/2013 (it-tielet ilment), u, min-naħa l-oħra, (il-punt (c)) is-sistema ta' kontroll, l-ispezzjoni u l-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll prevista mir-Regolament Nru 1224/2009 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 404/2011 (ir-raba' ilment), l-Artikoli 4 u 17, moqrija flimkien mal-Artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (il-ħames ilment), kif ukoll l-Artikolu 2(4) u l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/89 (is-sitt ilment).

*b) Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq ksur tar-Regolament Nru 1380/2013*

151. Permezz tat-tielet ilment tagħha, ir-Repubblika tas-Slovenja ssostni li, billi ma osservatx it-territorju tagħha, ir-Repubblika tal-Kroazja kisret id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd, b'mod iktar partikolari l-Artikolu 5(2) u l-Anness I tar-Regolament Nru 1380/2013[91].

152. Qabel kollox, nosserva li, kuntrarjament għal atti ta' dritt sekondarju oħrajn invokati mir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Regolament Nru 1380/2013 jinkludi riferiment espliċitu għad-deċiżjoni arbitrali li ser tingħata. Fil-fatt, skont in-noti ta' qiegħ il-paġna relatati mal-punti 8 u 10, intitolati "Ilmijiet tal-kosta tal-Kroazja" (punt 8) u "Ilmijiet tal-kosta tas-Slovenja" (punt 10), tal-Anness I għar-Regolament Nru 1380/2013, ir-"reġim imsemmi hawn fuq għandu japplika mill-implimentazzjoni sħiħa tas-sentenza tal-arbitraġġ […]". F'dan ir-rigward, peress li r-Regolament Nru 1380/2013 huwa att leġiżlattiv tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 297 TFUE, huwa evidenti li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi jekk il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament humiex issodisfatti, jiġifieri jekk is-sistema speċifika skont ir-relazzjonijiet dwar il-viċinat prevista fl-Artikolu 5(2) tal-imsemmi regolament, fid-dawl tal-preċiżazzjonijiet li jidhru fl-Anness I, tapplikax.

153. Madankollu, sa fejn ir-Repubblika tas-Slovenja tfittex li jiġi kkonstatat, permezz ta' dan it-tielet ilment ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 5(2) u tal-Anness I tar-Regolament Nru 1380/2013[92], il-ksur mir-Repubblika tal-Kroazja tas-sistema prevista f'dan l-artikolu, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex teżamina dan l-ilment.

154. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1380/2013 jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, aċċess indaqs għall-ilmijiet u r-riżorsi fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni, għajr dawk imsemmija b'mod partikolari fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu. L-imsemmi paragrafu 2 jawtorizza lill-Istati Membri, fl-ilmijiet li jinsabu f'inqas minn 12-il mil nawtiku mil-linji bażi taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni tagħhom, sal-31 ta' Diċembru 2022, li jillimitaw is-sajd għal bastimenti tas-sajd li

90 Sentenza tad-29 ta' Marzu 2007 (C-111/05, EU:C:2007:195).

91 Ara, b'mod partikolari, is-sommarju tal-ilmenti li jinsab fil-paġna 3 tar-rikors u d-dispożittiv tar-rikors.

92 Nixtieq nosserva li, fid-dispożittiv tar-rikors, ir-Repubblika tas-Slovenja takkuża lir-Repubblika tal-Kroazja b'diversi azzjonijiet (ara paġna 41 tar-rikors) li *kollha* tiddeskrivihom bħala ksur tal-Artikolu 5(2) u tal-Anness I tar-Regolament Nru 1380/2013.

tradizzjonalment jistadu f'dawk l-ilmijiet minn portijiet fuq il-kosta maġenb, mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri oħra skont relazzjonijiet eżistenti dwar il-viċinat bejn l-Istati Membri u l-arranġamenti li jinsabu fl-Anness I, li jistabbilixxi għal kull Stat Membru ż-żoni ġeografiċi fi ħdan il-faxex kostali ta' Stati Membri oħra fejn isiru attivitajiet tas-sajd u l-ispeċijiet ikkonċernati. L-Anness I għall-imsemmi regolament jiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-ilmijiet kostali fis-sens tal-Artikolu 5(2) tal-istess regolament. Skont in-noti ta' qiegħ il-paġna relatati mal-punti 8 u 10 tal-Anness I għar-Regolament Nru 1380/2013, intitolati "Ilmijiet tal-kosta tal-Kroazja" (punt 8) u "Ilmijiet tal-kosta tas-Slovenja" (punt 10), huwa indikat li r-"reġim imsemmi hawn fuq għandu japplika mill-implimentazzjoni sħiħa tas-sentenza tal-arbitraġġ [... ]". Fin-nuqqas ta' preċiżazzjonijiet oħra fir-rigward ta' dan il-kliem, hemm lok li jiġi interpretat sabiex tinftiehem il-portata ta' din ir-referenza għad-deċiżjoni arbitrali li ser tingħata.

155. F'dak li jirrigwarda l-espressjoni r-"reġim imsemmi hawn fuq", il-Qorti tal-Ġustizzja diġà speċifikat li dan kien ikopri ċerti sistemi speċifiċi li jagħtu dritt lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru bandiera ta' Stati Membri oħra, li jistadu fiż-żoni ta' 12-il mil taħt ir-relazzjonijiet ta' viċinat eżistenti bejn l-Istati Membri [93]. Għaldaqstant, din l-espressjoni għandha tinftiehem bħala li tkopri s-sistema speċifika ta' aċċess reċiproku "għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri oħra skont relazzjonijiet eżistenti dwar il-viċinat bejn l-Istati Membri" (iktar 'il quddiem "is-sistema speċifika skont ir-relazzjonijiet dwar il-viċinat").

156. F'dak li jirrigwarda l-espressjoni "mill-implimentazzjoni sħiħa tas-sentenza tal-arbitraġġ" li tinsab fil-punti 8 u 10 tal-Anness I għar-Regolament Nru 1380/2013, li jirriflettu l-kontenut tal-Att ta' Adeżjoni [94], jirriżulta li d-deċiżjoni finali hija att li jikkundizzjona l-applikazzjoni *ratione temporis* tas-sistema speċifika skont ir-relazzjonijiet dwar il-viċinat, li l-modalitajiet tagħha huma previsti fl-Anness I għar-Regolament. Għalhekk, din is-sistema ma tistax tidħol fis-seħħ qabel l-"implimentazzjoni sħiħa" mir-Repubblika tal-Kroazja u mir-Repubblika tas-Slovenja tad-deċiżjoni arbitrali li ser tingħata. Fi kliem ieħor, l-imsemmija punti 8 u 10 huma intiżi sabiex jissospendu l-applikabbiltà tal-imsemmija sistema matul ir-riżoluzzjoni tat-tilwima dwar il-fruntieri kontenzjużi bejn dawn iż-żewġ Stati. F'dan il-każ, kif ikkonfermat ir-Repubblika tal-Kroazja waqt is-seduta, id-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża ma ġietx implimentata, għar-raġuni li dan l-Istat Membru jikkunsidra li huwa ddenunzja b'mod validu l-Ftehim ta' Arbitraġġ [95] u jirrifjuta li jirrikonoxxi d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża mogħtija abbażi ta' dan il-ftehim. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li l-imsemmija sistema speċifika skont ir-relazzjonijiet dwar il-viċinat, f'dak li jikkonċerna l-faxex tal-kosta Kroati u Sloveni, ma tapplikax *ratione temporis*. Peress li r-rikorrenti takkuża lir-Repubblika tal-Kroazja bi ksur tas-sistema speċifika skont ir-relazzjonijiet dwar il-viċinat, prevista fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1380/2013, li ma kinitx applikabbli la matul l-allegat ksur u lanqas matul dawn il-proċeduri, peress li d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża ma ġietx implimentata, jiena tal-opinjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex teżamina t-tielet ilment.

93 Fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Marzu 2005, Spanja vs Il-Kunsill (C-91/03, EU:C:2005:174, punt 44), il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) u l-Anness I tar-Regolament Nru 2371/2002, li saru rispettivament l-Artikolu 5(2) u l-Anness I tar-Regolament Nru 1380/2013 u li kienu redatti f'termini simili. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Anness I tal-imsemmi regolament, li għalih jagħmel riferiment dan l-Artikolu 17(2) kien jistabbilixxi, għal kull wieħed minn dawn l-Istati, iż-żoni ġeografiċi fi ħdan il-faxex kostali ta' Stati Membri oħra fejn isiru attivitajiet tas-sajd u l-ispeċijiet ikkonċernati.

94 Ara l-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

95 Nixtieq nosserva li l-Artikolu 7(3) tal-Ftehim ta' Arbitraġġ jipprevedi obbligu li jsir "dak kollu li huwa neċessarju" għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni arbitrali fi żmien sitt xhur mid-data li fiha tingħata d-deċiżjoni.

*c) Ir-raba' sas-sitt ilmenti insostenn tar-rikors*

157. F'dak li jirrigwarda r-raba' sas-sitt ilmenti mressqa mir-Repubblika tas-Slovenja, dan l-Istat Membru jinvoka dispożizzjonijiet dwar is-sistema ta' kontroll stabbilita mir-Regolament Nru 1224/2009 u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 404/2011 (ir-raba' lment), l-Artikoli 4 u 17, moqrija flimkien mal-Artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (il-ħames ilment), kif ukoll l-Artikolu 2(4) u l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/89 (is-sitt ilment).

158. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda r-raba' lment ibbażat fuq ksur tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament Nru 1224/2009 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 404/2011, l-aġir allegat huwa kkaratterizzat minn "bastimenti tal-pulizija Kroati [li] jakkumpanjaw lil sajjieda Kroati li jistadu fl-ibħra Sloveni, u b'hekk jipprekludu lill-ispetturi tas-sajd Sloveni milli jeżerċitaw kontroll". Ir-rikorrenti żżid li "l-awtoritajiet Kroati jimponu multi għall-qsim illegali tal-fruntiera u għas-sajd illegali fuq is-sajjieda Sloveni li jistadu fl-ilmijiet Sloveni li [ir-Repubblika tal-Kroazja] tgħid li huma tagħha" u din tal-aħħar "ma tikkomunika [lir-Repubblika tas-Slovenja] ebda data dwar l-attivitajiet tal-bastimenti Kroati fl-ilmijiet Sloveni, hekk kif meħtieġ mir-Regolament". Hija tikkonkludi li, billi tagħmel hekk, ir-Repubblika tal-Kroazja "tipprekludi [lir-Repubblika tas-Slovenja] milli teżerċita kontroll fuq l-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni tagħha u ma tosservax il-kompetenzi esklużivi tar-Repubblika tas-Slovenja fuq l-ilma territorjali tagħha bħala Stat kostali" [96].

159. It-tieni nett, fir-rigward tal-ħames ilment, ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, nosserva li r-Repubblika tas-Slovenja tqis li r-Repubblika tal-Kroazja "ma tirrikonoxxix il-fruntiera stabbilita mid-deċiżjoni arbitrali bħala fruntiera komuni [mar-Repubblika tas-Slovenja], hija ma tikkooperax ma' [dan l-Istat] sabiex tissorvelja din il-'fruntiera esterna' u ma hijiex f'pożizzjoni li tiżgura sorveljanza sodisfaċenti", li jmur kontra l-Artikoli 4, 13 u 17 tal-imsemmi kodiċi.

160. It-tielet nett, fir-rigward tas-sitt ilment, ibbażat fuq allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/89, għandu jiġi osservat li r-Repubblika tas-Slovenja tibbaża ruħha direttament fuq in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża li ddelimitat l-ilmijiet territorjali, fis-sens tal-Artikolu 2(4) ta' din id-direttiva. Skont ir-rikorrenti, ir-Repubblika tal-Kroazja tinkludi l-ilmijiet territorjali Sloveni fl-ippjanar tal-ispazju marittimu tagħha u, konsegwentement, din tipprekludi adattament tal-mapep tar-Repubblika tas-Slovenja.

161. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-argument tar-Repubblika tas-Slovenja dwar l-allegat ksur tad-dritt sekondarju huwa bbażat fuq il-premessa li l-fruntiera kontenzjuża hija, fil-fatt, iddeterminata. Din il-konstatazzjoni hija kkorroborata mill-fatti invokati insostenn tal-allegazzjonijiet tar-Repubblika tas-Slovenja, li minnhom jirriżulta li dawn il-fatti ma kinux iseħħu kieku kien hemm fruntiera operazzjonali bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja. Madankollu, kif jirriżulta mill-punti 145 sa 150 ta' dawn il-konklużjonijiet, nikkunsidra li dan ma huwiex il-każ, peress li d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża qatt ma ġiet eżegwita. Minn dan jirriżulta li r-Repubblika tas-Slovenja tfittex, b'mod impliċitu, li d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża tiġi eżegwita. Issa, tali talba ta' eżekuzzjoni ma taqax fil-qasam tal-kompetenzi tal-Unjoni. Kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar ir-raba' sas-sitt ilmenti kif inhuma fformulati, dan iwassal sabiex hija stess ikollha tiddeċiedi dwar il-problematika tal-fruntiera kontenzjuża, meta, kif jirriżulta mill-punti 143 u 144 ta' dawn il-konklużjonijiet, tali kompetenza taqa' fuq l-Istati Membri (ara l-punt 110 ta' dawn il-konklużjonijiet). Għaldaqstant, l-allegat ksur tad-dritt sekondarju huwa ta' natura anċillari, essenzjalment, fil-konfront tal-kwistjoni marbuta mad-determinazzjoni, fil-fatt, tal-fruntiera bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja. Għalhekk, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddikjara li hija ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tar-raba' sas-sitt ilmenti mressqa mir-Repubblika tas-Slovenja insostenn tar-rikors tagħha.

96 Sunt tal-motivi li jinsab fil-paġni 3 u 4 tar-rikors u l-punti 100 sa 109 tar-rikors.

162. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tal-ilmenti bbażati fuq id-dritt primarju u fuq id-dritt sekondarju u, għaldaqstant, sabiex tiddeċiedi fuq dan ir-rikors kollu kemm hu.

163. Konsegwentement, ma huwiex neċessarju li tkompli tiġi eżaminata l-kwistjoni tal-ilmenti tar-Repubblika tal-Kroazja dwar l-inammissibbiltà tar-rikors.

### *D. Sinteżi tal-analiżi*

164. Għalkemm l-ilmenti bbażati fuq allegat ksur imressqa mir-Repubblika tas-Slovenja jistgħu jidhru, *prima facie*, bħala lmenti relatati mad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 259 TFUE, wara analiżi profonda, jiena wasalt għall-konklużjoni li kwalunkwe konstatazzjoni eventwali ta' ksur li bih hija akkużata r-Repubblika tal-Kroazja ser tkun ibbażata fuq premessa li tikkonsisti fid-determinazzjoni tal-fruntiera bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja. Issa, tali determinazzjoni tikkostitwixxi, min-natura tagħha stess, kwistjoni li taqa' taħt id-dritt internazzjonali pubbliku, u dan huwa kkonfermat mill-analiżi tal-Ftehim ta' Arbitraġġ u tad-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża, fejn dawn tal-aħħar ma jistgħux jitqiesu bħala atti li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Il-kwistjonijiet dwar il-validità, l-interpretazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' dawn iż-żewġ strumenti legali internazzjonali ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 259 TFUE. Barra minn hekk, nikkonstata li d-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża ma ġietx eżegwita fir-relazzjonijiet bejn dawn iż-żewġ Stati Membri, filwaqt li, barra minn hekk, din tal-aħħar ma hijiex awtoeżekutorja. Minn dan isegwi li, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, il-fruntiera kontenzjuża ma ġietx stabbilita bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja fis-sens tal-Artikolu 52 TUE u tal-Artikolu 355 TFUE. Peress li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mressqa mir-Repubblika tas-Slovenja jirrigwardaw il-fruntiera kontenzjuża bejn dawn iż-żewġ Stati Membri, għandu jiġi kkunsidrat li dawn l-allegazzjonijiet huma biss ta' natura anċillari fil-konfront tar-riżoluzzjoni tat-tilwima internazzjonali, li ma taqax taħt id-dritt tal-Unjoni u li fir-rigward tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni.

165. Fl-aħħar nett, ikolli ninnota li huwa ta' dispjaċir li tilwima dwar il-fruntiera ma setgħetx issib soluzzjoni definittiva anki wara li ngħatat id-deċiżjoni arbitrali kontenzjuża. Madankollu, ninsab konvint li s-soluzzjoni għal din it-tilwima tinsab fuq livell politiku.

## VII. Fuq l-ispejjeż

166. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

167. Mill-motivi msemmija iktar 'il fuq jirriżulta li r-Repubblika tas-Slovenja hija l-parti telliefa f'din il-kawża u għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll l-ispejjeż tar-Repubblika tal-Kroazja.

## VIII. Konklużjoni

168. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– tirtira mill-proċess il-parir tas-servizz legali tal-Kummissjoni Ewropea, li jinsab fl-Anness C.2 tar-risposta tar-Repubblika tas-Slovenja għall-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà;

– tiddikjara li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors;

– tikkundanna lir-Repubblika tas-Slovenja għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk tar-Repubblika tal-Kroazja.